Edizzjoni Speċjali

# il-Missjunarju

It-Tlettax-il Ħarġa Mejju 2014



MISSION FUND

NEWSPAPER POST



"Il-paċi hi wkoll
miġruħa kull meta
hi misruqa d-dinjità
umana, l-ewwel
u qabel kollox
*fejn hemm
min hu
mċaħħad
milli jmantni
lilu nnifsu
b'mod
suffiċjenti..."*

Papa Franġisku

EDITORJAL

# Li jkollok biżżejjed *biex tgħix u tkun b'saħħtek*

**L-ikel huwa wieħed mill-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem. Huwa dritt fundamentali li jkollok biżżejjed biex tgħix u tkun b'saħħtek. Madankollu, fid-dinja tal-lum, ħafna pajjiżi għad ikollhom nuqqas kbir ta' ikel. Għad jonqos ħafna x'isir.**

Il-ġuħ jiġi, bħal kull forma ta' faqar ieħor, għax il-bżonnijiet ta' ċerti pajjiżi jitħallew barra. Nistgħu naqtgħu l-ġuħ darba għal dejjem billi nħajru li kulħadd ikollu sehem. Il-Papa Franġisku jagħti dan il-parir meta jgħid: "Kull proposta li ssir trid tinkludi lil kulħadd u ma rridux naqgħu fit-tentazzjonijiet tal-poter, tal-flus jew interessi personali." Minflok, irridu nfittxu li naqdu l-familja umana, lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn u qed isofru minħabba l-ġuħ.

Irridu nuru l-fatt ikrah li l-ġuħ fid-dinja jinħoloq mhux għax m'hemmx ikel biżżejjed għal kull bniedem u jista' jitma' lil kulħadd, imma kif qal sewwa l-Papa Franġisku, "Huwa magħruf li l-produzzjoni tal-ikel fid-dinja hija biżżejjed. Imma xorta hemm miljuni ta' nies li għadhom isofru l-ġuħ u jmutu. Dan huwa tassew għajb. Trid tinstab sistema biex kulħadd igawdi mill-frott tal-art u mhux sempliċimet dak il-ftit biex ngħattu d-differenza li hemm bejn min hu sinjurun u bejn min irid jikkuntenta bil-frak li jaqà minn fuq il-mejda, imma fuq kollox biex issir gustizzja, isir ħaqq u jingħata rispett lejn kull bniedem."

Waqt li żieda u titjib fil-produzzjoni tal-ikel tibqa' importanti, l-ikel jibqa' fiż-żgur biss jekk inbiddlu l-istrutturi fis-soċjetà u meta nitgħallmu nagħtu aktar appoġġ lil dawk li huma l-aktar fqar u bil-ġuħ. Il-ġuħ mhuwiex biss problema teknika li tissolva b'mod tekniku. Il-ġuħ huwa problema li tolqot l-umanità u tista' tissolva biss bl-atti umanitarji tagħna.

Il-kruha tal-ġuħ, fost affarijiet oħra tiġi minħabba l-ħela fl-ekonomija, l-aktar dak tal-ikel. Hemm ukoll ħela sostanzjali fis-sistema tal-produzzjoni u tqassim tal-ikel. F'pajjiżna huwa kkalkulat li għal kull €5 li jintefqu biex wieħed jixtri l-ikel, €1 minnhom jiġi mormi. Huwa stmat li fid-dinja, 3 biljun tunnellati ta' ikel jinħlew kull sena. Ħafna drabi din il-ħela tkun għall-fatt li iżjed jaqbillek li l-ikel jintrema milli jmur għand dawk li l-iżjed għandhom bżonnu. "Meta l-ikel jintrema", irrimarka Papa Franġisku, "qisu nsteraq minn fuq il-mejda tal-foqra, minn għand dawk li huma bil-ġuħ". Fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi 2014, il-Papa jgħid hekk: "il-paċi hi wkoll miġruħa kull meta hi misruqa d-dinjità umana, l-ewwel u qabel kollox fejn hemm min hu mċaħħad milli jmantni lilu nnifsu b'mod suffiċjenti. Ma jistgħux iħalluna indifferenti l-uċuħ ta' kemm nies qed ibatu l-ġuħ, fuq kollox it-tfal, jekk naħsbu f'kemm ikel ta' kuljum jinħela f'tant inħawi tad-dinja, mgħaddsa f'dik li iżjed minn darba sejjaħt il-"kultura tal-iskart".

Meta żar il-belt ta' Franġisku f'Assisi, il-Papa qal hekk: "Ħafna minnkom ġew imneżża' minn din id-dinja selvaġġa li ma tagħtix xogħol, li ma tgħinx; li ma jimpurtahiex jekk hemmx tfal li qegħdin imutu bil-ġuħ fid-dinja; li ma jimpurtahiex jekk tant familji m'għandhomx x'jieklu, m'għandhomx id-dinjità li jieħdu ħobż id-dar; ma jimpurtahiex li tant nies ikollhom jaħarbu mill-iskjavitù, mill-ġuħ u jaħarbu jfittxu l-libertà. B'kemm niket, ħafna drabi, naraw li jsibu l-mewt...! Dawn l-affarijiet jagħmel l-ispirtu tad-dinja. Huwa propju ridikolu li nisrani - nisrani veru - sew jekk qassis, sew jekk soru, sew jekk Isqof, sew jekk Kardinal, sew jekk Papa jridu jmorru f'din it-triq ta' din il-mondanità, li huwa atteġġjament omiċida. Il-mondanità spiritwali toqtol! Toqtol ir-ruħ! Toqtol il-persuni! Toqtol il-Knisja!"

Biex l-ikel jitqassam b'mod effettiv irridu nħaddmu l-prinċipju tas-sussidjarità. B'dan il-prinċipju għandhom jinħolqu attivitajiet fil-post stess, għall-livel tan-nies biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem. Entitajiet kbar għandhom ir-responsabiltà li jgħinu lil dawk żgħar, u jmexxuhom huma, biss meta dawn ma jirnexxilhomx imexxu waħedhom. Is-sussidjarità tgħin biex l-ikel ma jonqosx għax is-sigurtà tal-ikel mhix biss it-tqassim tal-ikel lin-nies, iżda li tgħinhom jipprovdu l-ikel tagħhom, jew billi jkabbruh huma stess jew billi jibdlu xi affarijiet li jagħmlu huma, jew s-servizzi tagħhom mal-ikel. Hekk in-nies jinvolvu ruħhom fil-proċess u tkun għamilt l-ewwel pass biex issolvi l-problema tan-nuqqas tal-ikel.

Waqt li ma teżistix soluzzjoni waħda biex jinqered il-ġuħ u n-nuqqas tal-ikel, l-għan għandu jkun wieħed, li jkun hemm anqas nies li jbatu mill-faqar u l-ġuħ fid-dinja.


Paġna 4 *Mill-ħajja* tal-Mission Fund
Paġna 10 *Il-Kenja* u l-Mission Fund
Paġna 13 *L-Ilma* hu l-ħajja
Paġna 15 *Il-bir* ta' Jacob
Paġna 16 *Għandi* l-għatx…
Paġna 18 …*Mill-Ġdid fl-Asja*
Paġna 22 *Proġett* Tanżanija 2015
Paġna 24 *Tliet* snin wara
Paġna 28 *Knisja* Missjunarja
Paġna 32 …*id-demm* tat-Tama



Din il-pubblikazzjoni hija maħruġa mill-Mission Fund, 500, Eureka Court, Blk A/6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
**EMAIL:** missionfund@global.net.mt **TELEFON:** (+356) 2141 3664 www.missionfund.org.mt

Nirringrazzjaw lil kull min għen biex din il-pubblikazzjoni setgħet issir u titqassam.
Inħeġġukom tagħmlu użu mill-prodotti u mis-servizzi reklamati f'din ir-rivista.

**EDITUR:** P. Marcellino Micallef OFM

**GRAFIKA:** Alan Bonello www.designedbyal.com

**STAMPA:** Polidano Press www.pplmalta.com

RITRATT TAL-QOXRA
Wieħed mill-bjar li l-Mission Fund bena' fil-Kenja.

# MILL-ĦAJJA
# tal-Mission Fund

John Sammut

**Matul dawn it-tletin sena li ilha mwaqqfa, il-Mission Fund dejjem kienet ta' sostenn għall-mijiet ta' Missjunarji Maltin u Għawdxin li qegħdin imferrxa f'40 pajjiż f'kull rokna tad-dinja sabiex ixandru l-Kelma t'Alla. Biex tkun tista' tilħaq dan l-iskop, il-Mission Fund organizzat numru ta' attivitajiet kemm reliġjużi kif ukoll soċjali sabiex toffri għajnuna spiritwali kif ukoll materjali lil ħutna l-missjunarji.**

### Ċelebrazzjoni Ewkaristika fl-Iskola Primarja ta' San Ġiljan

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġiljan, fis-27 ta' Jannar 2013 saret ċelebrazzjoni ewkaristika għall-istudenti u l-ġenituri tagħhom fl-iskola primarja ta' San Ġiljan biex titfakkar il-festa tal-patrun tagħhom. Il-Kap tal-iskola, Is-Sinjura Farell, tkellmet dwar il-ħidma tal-missjunarji Maltin u Għawdxin u d-diffikultajiet kbar li jiltaqgħu magħhom fit-twettiq tal-missjoni tagħhom f'pajjiżi mbiegħda mifnija b'ħafna faqar u mard. Membri tal-Mission Fund ġew mistiedna għal din l-okkażjoni sabiex jispjegaw dwar il-ħidma mingħajr heda tal-Mission Fund b'risq dawn il-missjunarji sabiex tinħoloq kuxjenza missjunarja u ta' solidarjetà lejn ħutna l-missjunarji. L-istudenti tal-iskola ppreżentaw lill-membri tal-Mission Fund għadd ta' pitazzi u lapsijiet sabiex jingħataw lit-tfal anqas ixxurtjati minnhom. Din iċ-ċelebrazzjoni ntemmet b'purċissjoni bl-istatwa żgħira ta' San Ġiljan.







### Donazzjoni mill-Lions Club

Fil-31 ta' Jannar 2013, membri tal-Lions Club ta' San Pawl il-Baħar taw ġeneratur tal-elettriku lill-Mission Fund sabiex jintuża f'pajjiżi remoti tal-missjoni fejn is-servizz tal-elettriku ma' jeżistix jew mhux stabbli. Dan il-Club huwa wieħed minn ħames Clubs Maltin li bejniethom jiffurmaw il-Lions Club Malta Zone bħala parti mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Lions Club. L-iskop prinċipali tal-Lions Club huwa biex iservi l-komunitajiet fil-ħtiġijiet umanitarji tagħhom u biex jinkoraġġixxi l-paċi dinjija. Il-membri tal-Kumitat tal-Mission Fund irringrazzjaw lill-membri tal-Lions Club għall-ġenerożità li wrew b'risq il-foqra.



## STRINA 2012

Il-Mission Fund irċeviet is-somma ta' €25,000 mill-fondi li nġabru fl-Istrina li saret fis-26 ta' Diċembru 2012. Minn dawn il-fondi ibbenefikaw 43 għaqdiet volontarji oħra. F'ċerimonja li saret fis-Sala tal-Mediterran għall-Konferenzi, il-President George Abela qassam dawn il-fondi lil rappreżentanti ta' dawn l-għaqdiet. Dawn il-fondi ntużaw ukoll għall-proġett tas-sajf li sar fil-Kenja.

## Għotja mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin qassam is-somma ta' € 188,130 lil 16-il għaqda volontarja biex jitwettqu diversi proġetti f'pajjiżi sotto-żviluppati. Dawn il-fondi jagħmlu parti mill-fond tal-Assistenza għall-Iżvilupp Barrani skond il-ftehim internazzjonali tal-Ġnus Magħquda. Dan il-ftehim jorbot il-gvernijiet tal-pajjiżi konċernati biex joffru fondi għall-proġetti fil-pajjiżi tat-Tielet Dinja. Il-Mission Fund irċeviet is-somma ta' € 25,000 b'risq il-bini ta' dormitorju għal skola fil-Kenja.

## … u oħra mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Skont ftehim li kien intlaħaq waqt konferenza internazzjonali li kienet saret f'Kopenħagen, il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huma marbuta li joffru fondi biex jiġu wżati għall-proġetti kontra l-bdil fil-klima. Għal dan il-għan, il-Mission Fund irċeviet is-somma ta' € 37,691 għall-installazzjoni ta' pannelli solari f'żewġ kulleġġi fl-Indja.

## … u mill-Fondazzjoni Voices

Il-Fondazzjoni Voices qassmet il-fondi li nġabru mid-dħul tal-kunċert Voices lil numru ta' organizzazzjonijiet volontarji. Il-Mission Fund ingħatat is-somma ta' € 23,000 b'risq il-proġett tas-sajf li sar fil-Kenja.

## … u oħra mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Luċija

L-istudenti tal-Ewwel Klassi tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Luċija organizzaw bejgħ ta' pizza b'risq it-tfal anqas ixxurtjati li m'għandhomx l-opportunità li jmorru l-iskola. Fis-6 ta' Frar 2013, l-Assistent Kap tal-iskola is-Sinjura Miriam Vella, flimkien ma' għalliema oħra ippreżentaw ċekk ta' €200 lis-sur Charles Decelis, Segretarju tal-Mission Fund. Is-Sur Decelis irringrazzja lill-istudenti għall-inizjattiva u l-ġenerożità tagħhom għal din id-donazzjoni, li ntużat b'risq il-proġett ta' bini ta' dormitorju għall-iskola Bakanga, f'Mpeketoni fid-djoċeżi ta' Malindi, fil-Kenja, fejn qed iservi l-Isqof Mons Emanuel Barbara OFM Cap.

## Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju 2013. Fl-indirizz tal-President, is-Sinjorina Sylvia Ebejer tat rendikont tad-donazzjonijiet li ngħataw lill-missjunarji matul is-sena ta' qabel. Hija kompliet billi spjegat il-proġett li sar fl-Indja minn grupp ta' voluntiera. Fl-aħħarnett hija rringrazzjat lill-membri kollha għall-ħidma tagħhom. Is-Segretarju, is-Sur Charles Decelis, tkellem dwar id-diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li saru b'risq ħutna l-missjunarji. Huwa spiċċa d-diskors tiegħu billi rringrazzja l-membri kollha tal-Kumitat għall-ħidma siewja tagħhom. Is-Sur Emanuel Farrugia, l-awditur estern, ippreżenta ir-rapport finanzjarju għas-sena 2012. Dan ir-rapport ġie approvat mill-membri preżenti. Is-Sinjorina Sylvia Ebejer irringrazzjat lis-Sur Farrugia għad-diversi snin li huwa offra li jagħti s-servizz tiegħu bħala awditur mingħajr ebda kumpens.

Is-Sur Joe Mifsud ta dettalji tal-ħidma tas-sotto-Kumitat Proġett Tama. Huwa spjega kif il-grupp li jagħmel l-esperjenza missjunarja jiġi mħejji kemm spiritwalment kif ukoll soċjalment għal diversi xhur qabel ma' jitilqu minn Malta sabiex imorru jgħinu fit-twettiq tal-proġett fl-artijiet tal-missjoni. Is-Sur John Sammut għamel enfasi fuq l-importanza tat-tkabbir tal-għarfien tal-Mission Fund billi jitqassmu numru ta' pubblikazzjonijiet lill-familji Maltin u Għawdxin, kif ukoll permezz ta' parteċipazzjoni fi programmi fuq il-mezzi tax-xandir. Huwa qal ukoll li membri tal-Mission Fund iżuru skejjel sabiex tinħoloq kuxjenza missjunarja fost l-istudenti. Is-Sinjorina Jennifer Balzan inħatret bħala awditur intern, filwaqt li s-Sur Nigel Scerri nħatar bħala awditur estern. Il-laqgħa ġiet fit-tmiem tagħha permezz ta' talba mid-Direttur Spiritwali Fr Marcellino Micallef OFM.



## Is-Sinjorina Sylvia Ebejer tinħatar il-Voluntier tas-Sena 2013

Il-President tal-Mission Fund is-Sinjorina Sylvia Ebejer inħatret il-Voluntier tas-Sena 2013 waqt attività li kienet organizzata mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju. Is-Sinjorina Ebejer serviet bħala President tal-Mission Fund għal aktar minn 14-il sena. Sa mill-1992 hija dejjem ħadet sehem fl-esperjenzi missjunarji li saru kull sena fl-Alġerija, Tuneżija, Kenja, Gwatemala, Perù, Tanzanija u l-Indja. Flimkien ma' membru ieħor tal-kumitat hija responsabbli għall-koordinazzjoni ta' dawn il-proġetti umanitarji u għall-preparazzjoni tal-grupp ta' voluntiera li jkunu ser jagħmlu dawn l-esperjenzi.

Is-Sinjorina Ebejer hija persuna umli u ħabrieka f'xogħolha. Għaliha il-volontarjat ifisser impenn. Il-viżjoni tagħha hi li kull bniedem għandu d-dritt għall-edukazzjoni, xogħol, ikel u affarijiet oħra bażiċi tkun xi tkun il-kulur tal-ġilda tiegħu. Is-Sinjorina Ebejer hija ta' ispirazzjoni għal kull min ikun qed jaħdem magħha.

Din kienet it-tieni darba li xi membru tal-Kumitat tal-Mission Fund ingħata dan il-premju. Fl-2011 dan il-premju kien ingħata lis-Sur Joe Mifsud. Dawn il-premjijiet huma ta' ġieħ mhux biss għal min jirċievuhom iżda wkoll għall-Mission Fund.







## XARABANK

Il-programm popolari Xarabank li xxandar nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2013 ġie ddedikat għall-Mission Fund. Fil-programm intwerew numru ta' ritratti u videos dwar il-ħidma li twettqet mill-voluntiera tal-Mission Fund fit-Tanzanija matul l-erbgħa snin ta' qabel. Dawn kienu jikkonsistu fi proġetti li saru fl-iskola ta' Mwanza, fejn kienet taħdem Sr Domenica Ciliberti, kif ukoll fl-isptar ta' Makiungu, li hu mmexxi minn Sr Maria Borda. It-telespettaturi urew il-ġenerożità tagħhom billi offrew donazzjonijiet li laħqu s-somma fenomenali ta' € 526,171. Barra minn hekk, persuna anonima offriet is-somma ta' € 100,000 sabiex isiru proġetti relatati mal-ilma.



## Jum San Pawl il-Baħar

Nhar is-Sibt 8 ta' Ġunju u l-Ħadd 9 ta' Ġunju 2013 il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar organizza numru ta' attivitajiet biex ifakkar Jum San Pawl il-Baħar. Il-Mission Fund ġie mistieden biex jipparteċipa f'dawn l-attivitajiet billi jarma stand biex juri l-proġetti ta' fejda li jsiru kull sena mill-voluntiera f'artijiet tal-missjoni. Dawn l-attivitajiet ġew fit-tmiem permezz ta' quddiesa li saret fil-beraħ.




## Donazzjoni mill-Marsa Regatta Club

Il-Kumitat tal-Marsa Regatta Club organizza attività ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Mission Fund nhar il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2013. Din l-attività bdiet b'ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Fr Joe Saliba OFM Cap, kappillan tal-parroċċa tat-Trinità u minn Fr Marcellino Micallef OFM. Il-pubbliku li attenda seta' jieħu l-opportunità li jirkeb fuq id-dgħajjes tar-regatta filwaqt li jagħti donazzjoni. Donazzjonijiet oħra ingħataw mill-parroċċa tat-Trinità, il-Marsa Scouts Group, l-Għaqda Storika Kulturali, is-sezzjoni tal-irġiel tal-Mużew tal-Marsa, il-Każin Nazzjonalista, is-Soċjeta Mużikali Trinita` u l- Falzon Group. Fi tmiem ta' din l-attività s-somma ta' € 610 ġiet ippreżentata lill-membri tal-Kumitat tal-Mission Fund.

## ANNIVERSARJU TAD-DEHEB

Fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju taż-żwieġ tagħhom, is-Sinjuri Joe u Gina Caruana minn Santa Venera offrew li flok jirċievu rigali talbu lill-mistednin tagħhom biex jagħtu donazzjonijiet lill-Mission Fund. Wara li saret quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali San Gejtanu l-Ħamrun, sar riċeviment f'The Palms, San Ġiljan. Fl-aħħar tar-riċeviment, il-koppja Caruana ppreżentaw is-somma sabiħa ta' € 6,000 lil Fr Marcellino Micallef OFM, id-Direttur Spiritwali tal-Mission Fund. J'Alla l-Mulej ibierek lil din il-koppja u jagħtiha s-saħħa u l-hena għal ħafna snin oħra. J'Alla wkoll jippremja lil kull min ikkontribwixxa għal dan il-ġest sabiħ.

### F'Għeluq Sninu

F'egħluq il-ħamsin sena tiegħu, is-Sur David Stellini stieden numru ta' ħbieb biex flok ma' jtuh rigali huma jagħtu donazzjoni b'risq il-missjunarji. Barra minn hekk, huwa wiegħed li jirdoppja s-somma tad-donazzjonijiet li jkun irċieva. B'hekk is-Sur Stellini ppreżenta s-somma ta' € 15,470 lill-Mission Fund sabiex tintuża għall-proġett li sar bl-għajnuna tal-voluntiera fil-Kenja.

Il-Kumitat tal-Mission Fund jixtieq jirringrazzja lis-Sur Stellini għal din l-inizzjattiva ġeneruża. J'Alla l-grazzja tal-Mulej tinżel fuqu u jagħtih dak kollu li tixtieq qalbu fil-futur ġejjieni.



### Proġett ta' Fejda fil-Kenja

Fit-30 ta' Lulju 2013 grupp ta' 15-il voluntier tal-Mission Fund, immexxi mid-Direttur Spiritwali Fr Macellino Micallef OFM, telaq minn Malta biex jgħin għal 5 ġimgħat fil-bini ta' dormitorju għall-iskola sekondarja ta' Bakanga fi Mpeketoni l-Kenja. Din l-iskola qiegħda fid-djoċesi ta' Malindi fejn qed iservi l-Isqof Malti Mons Emanuel Barbara OFM. Barra minn hekk, ġew imwettqa wkoll numru ta' proġetti ġodda ta' tħaffir ta' bjar u ta' boreholes biex in-nies tal-lokal ikollhom aċċess għall-ilma.
Erba' membri mill-grupp marru Satellite biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fi skola mmexxija mis-sorijiet.

### JUM DINJI MISSJUNARJU

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji Missjunarju, membri tal-Mission Fund ħadu sehem f'numru ta' attivitajiet li ġew organizzati mill-Uffiċċju Missjunarju Pontifiċju. Fit-13 ta' Ottubru 2013 saret ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Katidral tal-Imdina u wara saret mixja sal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ fejn ingħatat il-barka sagramentali. Il-Jum Dinji Missjunarju ġie mfakkar nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru b'ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Arċisqof Pawlu Cremona fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ bil-parteċipazzjoni tas-Sarpong Cultural Troupe li ġie għall-okkażjoni miż-Żambja. F'Marsaxlokk kien hemm wirja biex turi l-ħidma tal-Uffiċċju Missjunarju b'risq il-missjunarji. Attività oħra kienet ir-reċta bil-Malti "Is-Suffarina li Qabbdet in-Nar" li saret fis-Sala Dun Mikiel Xerri, f'Ħaż-Żebbuġ mit-tfal membri ta' Children Helping Children.



### Attivitajiet Oħra ta' Ġbir ta' Fondi

**Matul l-2013 ġew organizzati numru ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Id-dħul minn dawn l-attivitajiet jidhru fil-parentesi:**

**JANNAR:**
Buffet Breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra (€ 2,112)

**MARZU:**
Buffet Breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra (€ 1,725)

**APRIL:**
Bejgħ ta' figolli (€ 160)

**MEJJU:**
Buffet dinner fil-Magazino, Valletta Waterfront (€ 1501)
Tea Tombola fl-Imperial Hotel, Sliema (€ 1,210)

**LULJU:**
Ħarġa ta'ġurnata f'Għawdex (€ 630)
Barbeque fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi (€ 2,405)

**AWWISSU:**
Lotterija Grandjuża (€ 14,382)

**SETTEMBRU:**
Pellegrinaġġ f'Lourdes (€ 385)
Dinner fil-Wardija (€ 3,225)

**NOVEMBRU:**
Bejgħ ta' pjanti (€ 300)
Buffet breakfast f'San Antonio Hotel, il-Qawra (€ 3,995)
Tea Tombola fl-Imperial Hotel, Sliema (€ 1,420)

**DIĊEMBRU:**
Christmas Lunch fil-Qawra Palace Hotel, il-Qawra (€ 2,829)

**MATUL IS-SENA KOLLHA:**
Bazaar (€ 10,502)
Collection tins (€ 1,059)

### Pellegrinaġġ għal Lourdes

Il-Mission Fund organizza pellegrinaġġ għal Lourdes bejn l-4 u l-10 ta' Settembru 2013. Il-grupp ħa sehem kuljum fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li tmexxiet minn Fr Marcellino Micallef OFM. Kull filgħaxija huma kienu jingħaqdu ma' pellegrini oħra fil-Grotta fejn dehret il-Madonna lil Santa Bernardetta fejn kien jingħad ir-rużarju. Il-grupp żar ukoll il-mitħna fejn kienet twieldet din il-qaddisa, il-ħabs fejn għexet u l-parroċċa fejn tgħammdet. Huma żaru wkoll il-Bażilika tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Bażilika tar-Rużarju u l-Bażilika ta' San Piju X, fejn ipparteċipaw flimkien ma' mijiet ta' pellegrini oħra għal Quddiesa Internazzjonali li kienet ikkonċelebrata minn numru ta' saċerdoti minn kull rokna tad-dinja.

Il-grupp kien jieħu sehem ukoll fil-purċissjonijiet tal-morda li jsiru kuljum kemm wara nofs in-nhar kif ukoll aux flambaux filgħaxija. Fit-tmiem tal-pellegrinaġġ il-grupp kellu x-xorti li jipparteċipa għal ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija minn Fr Marcellino li saret fil-grotta.



Il-Mission Fund tixtieq tirringrazzja lil dawn il-koppji li fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom fil-Mulej minflok taw souvenir lill-mistednin għat-tieġ, offrew donazzjoni lill-Mission Fund.

# Grazzi mill-qalb

Paul u Christine
Katya u Thomas
Maria u Lorn
Yanika u Frank
Mauro u Priscilla
Chris u Mariella

Il-Mission Fund tirringrazzja wkoll lis-Sinjuri Manwel u Frida Pace fl-anniversarju ta' 40 sena żwieġ tad-donazzjoni tagħhom.

# IL-KENJA u l-Mission Fund

Frans Scicluna

**Il-Kenja hija pajjiż ta' 'l fuq minn 33 miljun ruħ fil-Lvant tal-Afrika, fuq l-ekwatur. Hija mdawwra mis-Somalja, l-Etjopja, is-Sudan, l-Uganda u t-Tanżanija. Għandha kosta għall-Oċejan Indjan u kosta mal-Għadira Viċtorja, u hija l-akbar waħda fl-Afrika. Il-Kenja ħadet l-isem mill-akbar muntanja "Kilinjaga" fiċ-ċentru tal-pajjiż. Fiha riżervi naturali kbar fejn jimirħu bosta razez ta' annimali selvaġġi, afforestazzjoni mill-isbaħ, però 'l parti ta' fuq hija nieqsa ħafna mix-xita u spiss ikun hemm nixfa kbira. Il-Kenja ħadet l-indipendenza fl-1963 mill-Imperu Brittaniku u l-popolazzjoni titkellem bil-Kiswahili u l-Ingliż. Tikkompara mal-pajjiżi tal-Lvant, il-Kenja hija l-aktar pajjiż li mxiet 'il quddiem fl-ekonomija. Fl-istess ħin, hemm ħafna faqar, nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol, tagħlim u żvilupp ieħor.**

Il-missjunarji u l-għajnuna barranija hija milqugħa ħafna, speċjalment minn nies dħulin tat-triq f'żoni Nsara. Fil-Kenja hemm tlett Isqijiet Maltin, tnejn f'Garissa li tiġi fin-naħa tal-Lvant Ċentrali, li huma, Mons Pawlu Darmanin OFMCap u Mons. Joe Alessandro OFMCap. L-isqof l-ieħor huwa Mons. Emanuel Barbara OFMCap li jservi f'Malindi, u li ġie kkonsagrat isqof wara l-mewt ta' Mons. Francis Baldacchino OFMCap li għadda għal ħajja ta' dejjem f'Ottubru 2009. Ma' dawn hemm patrijiet, qassisin, sorijiet, soċji tal-MUSEUM u lajċi oħra li jservu b'imħabba f'dan il-pajjiż fuq bażi permanenti. Il-mezzi ta' dawn il-missjunarji huma limitati u japprezzaw u jifirħu bl-għajnuna tal-benefatturi, voluntiera u għaqdiet Maltin li, għall-grazzja t'Alla huma ħafna. Dawn qed juru solidarjeta mal-missjunarji u jagħtu l-ewwel għajnuna finanzjarjament, moralment u personalment. Huwa appuntu l-iskop tal-Mission Fund.

### Il-Mission Fund

Regolarment tibgħat donazzjonijiet lil kull missjunarju fuq bażi ta' roster. Teżamina kull talba mill-missjunarji għal xi proġett speċifiku; xi ħolma li tkun qed tinħass ħafna l-ħtieġa tagħha. F'dan ir-rigward, il-Mission Fund aċċettat seba' talbiet għal proġetti mingħand missjunarji Maltin fil-Kenja. L-ewwel tlett snin fil-Kenja kienu fl-1997/8/9 fuq talba ta' Mr Gejtu Decelis, superjur tal-MUSEUM f'Riuru, xi 100 kilometru 'l bogħod mil-kapitali Nairobi. Kienet qed tinbena dar tal-MUSEUM li semmewha "Preca House" u magħha skola tas-snajja "Preca Vocational Training Centre". Kien proġett ambizzjuż u kien hemm bżonn ta' aktar fondi u għajnuna manwali biex dan ix-xogħol jitlesta. Il-voluntiera tal-Mission Fund ħadmu fil-kostruzzjoni tal-bini, tħaffir ta' ġiebja, septic tank, li jippurifika id-drenaġġ, taraġ u xogħol tal-konkrit, installazzjoni tad-dawl u tal-ilma, bibien u twieqi tal-ħadid, sodod u xogħol ieħor. Ma dan insemmu ukoll żjajjar u għajnuna oħra lill-familji l-aktar fil-bżonn tal-madwar. F'dawn it-tlett snin il-Mission Fund investiet fondi miġbura minn għand benefatturi biex jitħaffef u jitlesta dan ix-xogħol. Is-sena ta' wara, fl-2000, il-Mission Fund ħadmet għand is-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' (Nuzzo) f'Langata, f'subborg ta' Nairobi. Inbena impjant tal-bio gas biex jipproduċi gas għat-tisjir u biex jinxtegħlu l-lampi. Din l-enerġija ġejja mill-fermentazzjoni tad-demel tal-baqar imħallat mal-ilma. Inbena ukoll maħzen għall-baqar tal-ħalib li għandhom dawn is-sorijiet għall-użu tagħhom u tad-djar għat-tfal orfni. Inħadmu sodod għad-djar tat-tfal u sar xogħol ieħor ta' manutenzjoni.

Dan ix-xogħol tlesta u ġie imħallas mill-fondi tal-Mission Fund.

### L-Edukazzjoni

Mhix biss hija ċ-ċavetta ta' kull progress, imma hija wkoll is-soluzzjoni biex jigi imtaffi l-faqar. Hekk qalilna l-isqof Mons. Barbara f'waħda mill-ittri ta' ringrazzjament lill-Mission Fund. Fil-fatt fit-tlett snin l-oħra l-Mission Fund ħadmet fil-Kenja, kienu għand Mons. Barbara fi skejjel sekondarji fid-djoċesi tiegħu ta' Malindi. Il-post jismu Mpeketoni, qrib il-kosta tal-Oċejan Indjan. Din iż-żona, pjanura safja kollha siġar, kienet żvilupata minn ġungla għal post abitabbli minn Jomo Kenyatta, l-ewwel Prim Ministru tal-Kenja wara l-Indipendenza fl-1963. Hawnhekk il-Mission Fund ħadem fi skola sekondarja mmexxija mis-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu'. Ix-xogħol kien jinvolvi bini ta' laboratorju mill-pedament, installazzjoni tad-dawl u tal-ilma għal dormitorju ta' 200 student li kien għadu

kif imbena, installazjoni ta' "leader tank" kbir u pompa li tiġbed l-ilma tal-bjut, siġġijiet tal-ħadid, tagħlim tal-Ingliż u ħjata ta' uniformijiet tat-tfal tal-iskola.

Ix-xogħol tlesta biex seta' jissaqqaf bi pjanċi taż-żingu fuq strutturi tal- injam.

## Is-Solidarjetà

Tinħass ħafna f'dan il-qasam ta' għajnuna missjunarja. Kemm hu sabiħ li nies ta' ġens, kulur u kultura differenti, jaħdmu flimkien, jaqsmu idejat u sistemi, u jsiru jafu lil xulxin mil-qrib b'mijiet ta' mistoqsijiet. F'dawn l-aħħar esperjenzi ħdimna man-nies tal-lokal, bħala solidarjeta', mingħajr superjorita' ta' xejn, anżi lesti biex nitgħallmu minnhom ukoll. F'din l-istess żona ta' Mpeketoni, il-Mission Fund għamlet żewġ proġetti f'Bakanga Secondary School. Fl-2006 imbena blokk li jinkludi "reception hall", librerija u uffiċini amministrattivi. Ma' dan tħaffer "septic tank", installazzjoni tad-dawl u tal-ilma, madum tal-art u xogħol ieħor ta' sinkijiet u madum fil-laboratorju eżistenti. It-tieni darba, fl-2013 f'din l-iskola kellha binja ta' hostel b'żewġ sulari, u għalhekk il-preparamenti saru minn sena qabel. Il-Mission Fund beda jibgħat pagament fix-xahar minn tmien xhur qabel, biex jinxtara materjal, isiru l-pedamenti, pilastri u travi tal-konkos u jingħata s-saqaf. Kollox sar kif kien miftiehem u l-voluntiera Maltin setgħu jibnu l-ħitan diviżorji ta' isfel u jibdew is-sular ta' fuq flimkien mal-ħaddiema tal-post. Għal grazzja t'Alla dan ix-xogħol tlesta u ħallejna flus biżżejjed biex jitlesta s-saqaf ta' fuq. Sensiela ta' proġetti żgħar, utli ħafna qed isiru biex tittaffa l-problema tal-ilma.

Bi pjaċir u sodisfazzjon, ix-xogħol li wettqet il-Mission Fund fil-Kenja rajnieh qed jiffunzjona. Barra mill-ħin tax-xogħol stajna nżuru familji fil-qrib. Rajna kif jgħixu, daħħluna ġewwa djarhom jew fl-għarix tagħhom, offrewlna milli kellhom, fis-sempliċita' imma mill-qalb. Min-naħa tagħna smajna l-problemi tagħhom, għinna fejn stajna, iċċelebrajna l-Ewkaristija taħt xi siġra fejn djarhom, u xi festin żgħir ma naqasx. Insomma festa ta' solidarjeta'.

## Grazzi

Lill-benefatturi kollha. Grazzi lil Alla li qed jinqeda bina. Grazzi lill- Mission Fund li torganizza b'kawtela dawn l-esperjenzi biex jistgħu jkunu, utli, prattiċi u jitgawdew għal ħafna snin. Id-donazzjonijiet qed ikunu imwassla, investiti bis-sens u sorveljati.

Issa nħallu f'idejn Alla l-Imbierek biex jaħdem Hu u joħroġ il-ġid kif jidhirlu Hu.

*Mons. Emanuel Barbara OFMCap flimkien ma' xi voluntiera tal-Mission Fund*



DURAVIT











top end design without a top end price tag




CREATIONS
*The ultimate in Bathroom elegance*

Liland Buildings, Mdina Road, Attard ATD9036
Tel: 21 411541; 21 417616 Fax: 21 419131
www.creationsomni.com - info@creationsomni.com

# L-ILMA hu l-Ħajja

Joe Mifsud



**Ma tistax teżisti ħajja mingħajr ilma. Mhux ta' b' xejn li l-ilma hu l-ewwel priorità ta' ħafna persuni li jgħixu fl-artijiet tal-missjoni. Sa minn qabel jisbaħ tara tfal iterrqu kilometri sħaħ biex isibu xi roqgħa ilma. Iġorruh lura d-dar jew permezz ta' barmil fuq rashom jew billi jirromblaw xi tank li jkollu tapp li jagħlaq sew. Meta l-għada l-ilma joqgħod u ma jibqax imdardar ħafna jintuża għax-xorb. Il-missjunarju Malti minn dejjem għamel ħiltu biex itejjeb il-provista tal-ilma u l-Mission Fund, permezz tagħkom, qatt ma baqgħet lura milli toffri l-għajnuna meħtieġa.**

Grazzi għal benefattur anonimu, il-Mission Fund qed tiffinanzja diversi proġetti fil-missjoni li joffru provista tal-ilma fil-qrib tal-għarix tal-familji jew inkella proġetti biex isir użu aħjar tal-ilma eżistenti. Fost dawn insibu:

(i) Tħaffir ta' żewġ *bore holes* fis-South Sudan, pajjiż li għadu jitwieled. Pajjiż mifni bil-gwerra. Pajjiż fejn dlonk wara li ntemmet gwerra twila reġgħet bdiet oħra. Kienet Sr Irene Balzan MMM minn Ħaż-Żebbuġ li għamlet din it-talba lil Mission Fund ftit xhur wara li mill-Benin ġiet mibgħuta biex tibda ħidma ġdida fis-south Sudan. Is-sistema tal-*bore holes* qed taħdem tajjeb u ġew ukoll imħarrġa persuni li jieħdu ħsieb il-manutensjoni tal-pompi. Qed isiru preparamenti għat-tieni *borehole*.

(ii) L-Isqof Emanuel Barbara OFMCap wassal talba lill-Mission Fund għal bore hole f'Gongoni, żona niexfa fid-Djoċesi tiegħu ta' Malindi fil-Kenja. F'Gongoni jgħixu mal-1,000 ruħ li jiddependu biss mir-raba', jieklu dak li jipproduċu. Wara li saru studji nstab li l-ilma qiegħed 25 metru fond. Diġa





ntbagħtu l-fondi meħtieġa għall-proġett u x-xogħol fuq il-bore hole beda.

(iii) Sr Gaetana Bonello DSH ilha l-Indja aktar minn 50 sena. Xtaqet bore hole u ġiebja għall-ħażna tal-ilma ħalli b'hekk tonqos it-tbatija ta' kuljum biex jinġarr l-ilma għax-xorb u bżonnijiet oħra. Wara li l-Mission fund irċeviet diversi stimi, intbagħtu l-flus meħtieġa biex din l-opra ta' fejda tkun tista titwettaq.

(iv) Skema ta' bjar komunitarji f'Impeketoni fil-Kenja ser tipprovdi ilma lil mijiet ta' familji. Ġew ippjanati 40 bir mqassmin f'żona akbar minn Malta. Ix-xogħol fuqhom sar jew qed isir mill-istess familji li ser jużaw l-ilma. Il-Mission Fund qed tipprovdi l-materjal meħtieġ kif ukoll tħallas għal xi xogħol li ma jistax isir mill-familji. L-ilma jinstab fond ta' bejn 8 u 14-il metru. Ix-xogħol ta' tħaffir isir bl-idejn u meta jinstab l-ilma tal-pjan dan jittellgħa permezz ta' barmil u ħabel u tarjola, sistema sempliċi li ma titlobx manutensjoni. Il-bjar jinksew minn ġewwa bil-briks u għandhom dijametru ta' madwar metru u nofs. Uħud mill-voluntiera tal-Mission Fund ħadmu huma stess fit-tħaffir ta' dawn il-bjar f'Awwissu u Settembru 2013 waqt esperjenza missjunarja fil-lokal.

(v) Fit-Tanżanija l-Mission Fund għenet biex jinxtraw tankijiet kbar biex jinġabar l-ilma tax-xita minn fuq il-bjut. Tankijiet enormi li jesgħu eluf ta' litri ta' ilma prezzjuż. Inħadmet ukoll sistema ta' gutters, kanali li jwasslu l-ilma għall-ħażna fit-tankijiet. F'reġjun fejn ix-xita hi skarsa ma tista taħli xejn!

(vi) Biex in-novizzi tal-aħwa kapuċċini jkabbru l-ikel għalihom bl-anqas użu tal-ilma, il-Mission Fund ħallset għal sistema ta' drip irrigation f' Umoja fil-Kenja. Dawn iż-żagħżagħ qed jaħdmu r-raba' u jrabbu tiġieġ, papri, majjali, mogħoż u ħut fl-għadajjar biex imantnu lilhom infushom. Ma jistgħux jiddependu fuq għajnuna minn nies, anzi iridu jkunu huma stess li joffru xi ħaġa tal-ikel lil ta' madwarhom. Dan in-novizzjat hu opra oħra tal-mibki Isqof Frans Baldacchino OFMCap.

(vii) Il-Mission Fund laqgħet it-talba ta' Sr Josephine, superjura fil-Kenja tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu, biex tinbena ġiebja għall-ħażna tal-ilma li jinġabar minn fuq il-bjut tal-iskola ta' Baħarini fil-Kenja. Fiż-żona ma tistax titħaffer borehole għax l-ilma hu salmastru, jiġfieri mhux tajjeb għax-xorb.

(viii) Il-Kenja ukoll Fr Nicholas Kileo ngħata fondi biex jinxtraw 2 tankijiet ġħall-ħażna tal-ilma tal-bjut fil-parroċċa ta' Ċakama.

Grazzi lil dan il-benefattur ġeneruż li ħallas għal dawn l-opri u lil tant qlub tajba oħra li offrew fondi biex jitħaffer bir għal grupp ta' familji. 'Kont bil-għatx u sqejtuni'.



**FID-DINJA HAWN:**

- 1,350 miljun kilometru kubu ta' ilma li minnu 0.007% biss hu ilma tajjeb għax-xorb.
- 70% ta' ġisimna hu magħmul mill-ilma.
- Tista' ddum bil-ġuħ għal ġimgħat sħaħ, mingħajr ilma ddum ġranet biss.
- 1.1 biljun persuna fid-dinja, persuna waħda minn kull sitta, m'għandhiex aċċess għall-ilma tajjeb.
- Kuljum 5000 tifel u tifla taħt il-5 snin imutu... mewt kull 15-il sekonda minħabba mard assoċjat ma' nuqqas ta' ilma tajjeb għax-xorb. Imutu aktar milli jmutu mill-gwerrer.

**F'Malta l-ilma tax-xita: 60% jevapora | 15% jintilef fil-baħar | 25% jiskula fil-blat**



### "Agħtini nixrob"

L-inizzjattiva tal-familja ta' Jacob għanda tfakkarna f'dak il-mument li l-mara Samaritana kienet ħdejn il-bir ta' Ġakobb biex timla' l-ilma u jersaq l-Mulej jgħidilha 'Agħtini nixrob!' Ħafna nies f'Makiungu fil-Kenja bdew jersqu lejn il-bir li tħaffer bl-għajnuna ta'Jacob sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jaqtgħu l-għatx.

# *Il-bir ta' Jacob*

14 ta' Marzu 2014

Għażiż Fr Marcellino,

Qed nibgħatlek ċekk ta' €235. Dawn il-flus kien faddalhom it-tifel tiegħi fil-karus tiegħu. It-tifel tiegħi, Jacob, miet nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu, wara ġlieda ta' ħames snin u nofs mal-marda tal-kanċer. Kien għad kellu biss 8 snin.

L-Erbgħa filgħodu wara li ġara kollox u ġejna mill-isptar, sibt l-envelop tiegħek fil-letter box u mill-ewwel ħassejt li dak li kien mġemma fil-karus nagħtihom lill-Mission Fund ħalli titkompla l-ħidma tant siewja tagħkom.

Grazzi u ftakar fina fil-talb tiegħek.

**Omm Jacob**



# GĦANDI L-GĦATX…
# Sibna l-ilma!

Sr. Irene Balzan MMM

**Il-ħajja missjunarja hija verament avventura f'kull sens tal-kelma. Hija avventura mal-Mulej li dejjem jieħdok f'mogħdijiet ġodda. Avventura li tlaqqgħek ma' nies b'kulturi u tradizzjonijiet differenti. Kif ukoll avventura fil-fidi. Waħda minn dawn l-avventuri ħaditni bħala Medical Missionary of Mary ġewwa r-Repubblika ta' Benin fejn għamilt seba' snin sbieħ.**

Il-Benin huwa pajjiż ġewwa l-Punent tal-Afrika li jmiss man-Niġerja, it-Togo u l-Burkina Faso. Fil-Benin kont naħdem ġo klinika ġo villaġġ li jġib l-isem ta' Zaffe li kienet qegħda sservi kommunità ta' madwar 10,000 ruħ. Il-klinika toffri diversi servizzi ta' konsultazzjoni u trattament tat-tfal u tal-adulti. Hemm dipartiment ukoll ta fejn l-ommijiet iwelldu. Barra minn hekk għandna wkoll "outreach" fejn nżuru n-nies fi djarhom, speċjalment dawk li ma għandhomx mezz biex jaslu l-klinika. F'dan il-post wieħed mill bżonnijiet kien li jiġu mibnija latrini biex ikun hemm safe disposal tal-ħmieġ. Permezz tal-Mission Fund irnexxilna nibnu t-toilets għal dawn in-nies. Dan naqqas ħafna mill-mard tal-imsaren tat-tfal u l-adulti u kellu mpatt pożittiv kbir fuq is-saħħa tal-familja u l-kwalita' ta' ħajja.

Din l-avventura kompliet meta ġejt mibgħuta flimkien ma' żewġ sorijiet oħra biex nifthu missjoni ġdida ġewwa s-Sudan t'isfel li għandu popolazzjoni ta' madwar 11-il miljun ruħ . Hawnhekk kellna nibdew kollox mill-bidu. L-isqof ipprovdilna ħamest ikmamar li qabel kienu jintużaw bħala uffiċini u bdilnihom f'dar. Waħda mill-kmamar bdilniha f'kappella u oħra fi kċina. Ridna nixtru kollox: saqqijiet, siġġijiet, bramel, spiritiera etċ. Dawl ma kellniex u din kienet veru sfida speċjalment bil-lejl meta trid torqod f'temperatura ta' 42 grad u l-għada tqum għal ġurnata xogħol.

Kif wasalna, l-isqof u l-komunità tawna merħba kbira. Aħna qegħdin inservu kommunità ta' madwar 20,000 ruħ. Dawn in-nies irritornaw ġewwa darhom wara 'il fuq minn 20 sena ta' gwerra ċivili. Però ġew lura u sabu li kollox kien imġarraf u għalhekk issa qegħdin jgħixu ġo għerejjex magħmulin mill-ħamrija u l-ħmieġ tal-annimali u msaqqfa mill-ħaxix. Għamilna assessment flimkien mal-komunita biex naraw in-nies x'għandhom bżonn u naraw aħna kif nistgħu nkunu ta' għajnuna għalihom. Ridna wkoll li mill-bidu naħdmu id f' id magħhom u b'hekk ħloqna relazzjoni tajba ħafna. L-ewwel bżonnijiet li spikkaw kienu n-nuqqas ta' ilma, nuqqas ta' iġjene fl-ambjent, nuqqas ta' ikel, u li n-nies huma vulnerabbli għall-mard. Il-Mission Fund mill-ewwel ġew għal għajnuna ta' dan il-poplu li jħossuhom minsija u mwarrba minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom fejn hemm ix-xmara li taqsamhom min-naħa l-oħra li huma jsejħu l-belt.

In-nuqqas ta' ilma kienet problema kbira u kellha ħafna konsegwenzi. In-nies kienu jimxu distanzi twal ħafna biex jaslu sal-pompa tal-ilma u jġorru magħhom xi ħames jericans ta' 15-il litru ilma li mbagħad iridu jġorruhom mimlijin lura d-dar. Huwa kkalkulat skont l-istandards ta' SPHERE1 li persuna tuża 15-il litru ilma kuljum għall-użu personali, għat-tisjir u għax-xorb. Ħafna drabi huma l-ommijiet u t-tfal li jmorru għall-ilma u dawn ikollhom jgħabbu xi ħamsa minn dawn il-jericans ġo karretta u jibdew triqthom lura lejn id-dar wara li jkun ilhom jistennew fil-kju għal madwar siegħa u nofs. Skond l-istandards SPHERE in-nies m'għandhomx jistennew iktar minn nofs siegħa għall-ilma. Waqt li nies oħrajn kienu jmorru jġibu l-ilma mix-xmara li huwa mniġġeż u li jġib miegħu ħafna mard li jinkludi ukoll mard tal-għajnejn.

Għamilna wkoll assessment ieħor tas-sitwazzjoni tal-ilma u nstab li hemm bżonn ta' għaxar boreholes biex innaqqsu din il-problema. Bdejna bl-ewwel borehole fejn għamilna kuntratt mal-Ministeru tal-ilma li din għandha titlesta fi żmien ħmistax-il ġurnata. Il-kuntratt ġie ffirmat u l-ġurnata tal-bidu tat-tħaffir waslet. Ma kienetx faċli biex jgħaddi d-driller minn bejn dawn l-għerejjex imma fl-aħħar rnexxielna fil-post magħżul. Id-drilling beda u malli nstab l-ilma in-nies infexxew f'ċapċip u żfin liema

bħalu. Kien hemm min qabiżlu d-dmugħ bil-ferħ - "Fl-aħħar għandna l-ilma! Fl-aħħar għandna l-ilma!" U kien hemm min intefa' taħt il-funtana ta' ilma nadif għall-ewwel darba f' ħajtu. Il-provvista tal-ilma għal dawn in-nies tfisser id-differenza bejn il-mewt u l-ħajja kif ukoll riskju għas-sigurtà personali. Aċċess għall-ilma li huwa tajjeb għax-xorb huwa d-dritt ta' kulħadd.

Barra minn hekk ffurmajna wkoll kumitati tal-immaniġġjar tal-ilma (Water Management Committee) biex in-nies jieħdu r-responsabiltà tal-borehole u jmexxu huma rigward il-manutenzjoni. Bis-saħħa tal-Mission Fund għamilna żewġ boreholes u hemm tnejn oħrajn fil-proċess ukoll. Bl-appoġġ tal-benefatturi tagħna stajna wkoll nipprovdu taħriġ għal ħdax-il mekkanik fuq dawn il-pompi tal-ilma biex ikunu jistgħu isewwu l-ħsara li tista' tinqala' u b'hekk ikollhom sens ta' indipendenza u jkunu sostenibbli.

Problema oħra li ħarġet mill-assessment kienet dik tan-nuqqas ta' ikel għaliex m' għandhomx art tagħhom fejn ikabbru xi prodotti tal-ikel. Għalhekk bdejnilhom proġett żgħir għal 80 familja fejn introduċejna t-tkabbir ta' ħaxix sustanjuż fix-xkejjer bħal spinaċi, "sukumawiki"(ħaxixa bnina u sustanjuża li tinsab il-Kenja), il-bżar aħdar u l-brunġiel. B'hekk kull familja jista' jkollha dawn il-prodotti madwar id-dar tagħha għall-użu tal-familja. Barra minn hekk ikunu jistgħu ibiegħu minnhom u bil-flus li jaqilgħu jkunu jistgħu jibagħtu t-tfal l-iskola.

Għamilna ħafna kampanji wkoll ta' promozzjoni fuq is-saħħa fejn tajna tagħrif ġenerali fuq kif jistgħu jipprevedu l-mard. Is-Sudan t'Isfel għandu wieħed mill-għola rati ta' mwiet ta' ommijiet li jmutu waqt il-ħlas minħabba nuqqas ta' aċċess ta' faċilitajiet tas-saħħa. L-istatistika turi li minn kull 100,000 tarbija li titwieled 2000 omm imutu kull sena minħabba l-kumplikazzjonijiet li jinqalgħu waqt il-ħlas. Kif ukoll minn kull 1000 tarbija li titwieled 75 minnhom ma jilħqux jgħixu sal-ewwel birthday2. Għalhekk bdejna ukoll it-tilqim tat-tfal b' kollaborazzjoni mal-Ministeru tas-Saħħa fejn aħna mmorru fil-villaġġi ta' madwar bir-rickshaw biex inlaqqmu t-tfal kif wkoll lil dawk l-ommijiet li jkunu qegħdin jistennew tarbija.

Il-viżjoni tan-nies tas-Sudan t'Isfel hija li jkunu poplu wieħed. Dan huwa l-messaġġ li l-Papa Franġisku esprima dan l-aħħar fuq il-paċi. Aħna ninkorporaw nies minn kull tribu' f'dak kollu li nagħmlu u l-borehole tiġi wżata minn nies li jiġu minn kull tribu' u twemmin. Dan jgħodd ukoll għal proġett tat-tkabbir fl-ixkejjer u l-laqgħat li jkollna dwar is-saħħa. Kulħadd jiġi nvolut mingħajr ebda diskriminazzjoni.

Għad hemm ħafna xogħol xi jsir. Il-ħolma tagħna issa hija li nibnu Ċentru ta' fejqan li parti minnu jkun klinika u parti oħra jkun dipartiment soċjali fejn ikun jista' jsir il-counselling minħabba it-trawma u l-effetti li ħalliet il-gwerra fuq dawn in-nies. Nirringrazzja lil dawk kollha li jibgħatu d-donazzjonijiet tagħhom lill-Mission Fund għax bihom stajtu tagħtu l-ħajja permezz tal-ilma lil dawn in-nies. Aħna dejjem niftakru fil-benefatturi tagħna fit-talb tagħna. Il-Mulej iħallaskom għal mitt darba.

## REFERENZI

(1) The Sphere Project:Humanitarian Charter and Minimum Standards in Humanitarian Response. 2011 Edition.
(2) South Sudan Consolidated Appeal 2014-2016. UNOCHA.



# IL-MISSION FUND mill-Ġdid fl-Asja

Sylvia Ebejer

**L-Indja, pajjiż ġgant, is-seba' l-akbar fid-dinja fejn jgħixu kważi biljun u kwart persuni. Pajjiż b'territorju vast u mgħoni b'diversità ta' ħlejjaq, ġmiel tan-natura, temperaturi estremi u fejn il-monsoon, xita qawwija għal ġimgħat sħaħ, jirrenja fuq kollox u fuq kulħadd. Pajjiż fejn hemm min għandu għana bla qies u fejn hemm min qatt ma raqad taħt saqaf allavolja mimli bil-għomor. Pajjiż fejn jgħixu 30 miljun nisrani li jsarrfu biss għal 2.3% tal-populazzjoni tal-Indja.**

Fl-Indja nsibu 18-il missjunarju Maltin u Għawdxin. Niltaqgħu ma' Ġiżwiti, Sależjani, Neo-katekumeni, Fokolarini, Lajċi u Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu u tal-Karita. Dawn il-missjunarji kollha jirċevu għajnuna regolari mill-Mission Fund. Uħud minnhom ser jagħlqu 60 sena l-Indja, oħrajn ilhom biss ftit snin. Fost il-missjunarji minn artna insibu 6 Giżwiti li barra minn ħidma oħra jirsistu qatiegħ fil-kamp edukattiv. Dan jixhduh l-għadd sabiħ ta' skejjel u kulleġġi li huma bnew u qed imexxu. L-edukazzjoni tgħin biex bil-mod teħles lin-nies mill-inġustizzja tas-sistema tal-kasti, sistema fejn jekk int iben kennies trid tieħu l-istess xogħol ta' missierek u ma tistax tavvanza aktar.

F'Ottubru u Novembru 2012 il-voluntiera tal-Mission Fund kienu qattgħu 5 ġimgħat l-Indja fejn għenu fil-bini tal-ewwel sular ta' hostel fl-istat ta' Jharkhand. Illum dan il-hostel qed jilqa' tfajliet minn rħula mbiegħda u b'hekk jippermettilhom li jistudjaw fil-kulleġġ tal-Giżwiti. Billi l-biċċa l-kbira tal-familji jgħixu f'gorboċ mingħajr dawl, ilma u bżonnijiet sanitarji mhux biżżejjed li toffrilhom skola, iżda trid tipprovdi wkoll post xieraq fejn jistgħu jistudjaw wara l-ħin tal-iskola. Ma dan imur ukoll platt ross u sodda. Dawn it-tfajliet issa għandhom iċ-ċans li jkollhom edukazzjoni xierqa li tgħinhom isibu xogħol u jiffurmaw familja.

Il-Mission Fund ilha xhur għaddejja bil-formazzjoni ta' madwar 30 voluntier permezz ta' laqgħat u seminars.  F'Ottubru u Novembru ta' din is-sena dawn il-voluntiera ser jassistu fil-bini tat-tieni sular tal-hostel f' Jharkhand. Marcette Buttigieg, missjunarja lajka fl-Indja għal aktar minn 30 sena u li taħdem fil-qrib mal-Ġiżwiti, qed tikoordina ż-żjara tal-voluntiera tal-Mission Fund.

Diġa ntbagħtu €100,000 biex jibda x-xogħol fuq it-tieni fażi ta'din l-opra ta' fejda. Nirringrazzjawkom minn qalbna tal-ġenerosita tagħkom u nħeġġukom biex titolbu għal dawn il-voluntiera u għall-missjunarji kollha.




PUMA









# DONAZZJONIJIET MOGĦTIJA
# lill-Missjunarji matul l-2013

**Matul is-sena 2013, ingħataw €633,670 lill-missjunarji Maltin u Għawdxin. Dawn id-donazzjonijiet setgħu jingħataw grazzi għall-ġenerożita' kbira tagħkom li qatt ma' naqset.**



Il-ġenerożita' tal-Maltin ma' taqta' qatt. Ta' dan irroddu ħajr lill-poplu Malti u Għawdxi tal-għajnuna finanżarja li jagħti lill-missjunarji permezz tal-Mission Fund.

**Donazzjonijiet ta' €1,500 ġew mogħtija lil 38 missjunarju:**
- Mr David Dye fl-Albanija
- Br Anthony Baldacchino, Fr Alexander Cauchi, Fr John Xerri, Fr Luqa Azzopardi, Fr Joseph Agius, Sr Carmen Cachia u Sr Mary Rose Agius fil-Brazil
- Sr Antonia Sammut u Sr Mary Carmen Busuttil fl-Eġittu
- Sr Maria Esther Attard, Sr Mary Cini u Sr Marianne Farrugia fil-Filippini
- Fr Albert Gauci fil-Ħonduras
- Sr Emanuelle Borg fl-India
- Sr Giovanna Antida Vella, Sr. Marie-Antoinette Agius, Sr Joan Borg, Sr Mary Abdilla u Sr Valerie Borg fl-Iżrael
- Fr Hilary Abela u Fr Joseph Galea fil-Kenja
- Ms Rose Mallia fil-Kolumbja
- Ms Rita Refalo fil-Latvja
- Fr Alfred Mercieca fil-Malawi
- Fr Richard Ebejer fin-Niġerja
- Fr John Farrugia, Fr James Borg, Sr Frances Farrugia, Sr Ilaria Schiavone, Sr Liliana Borg u Sr Loretta Xerri fil-Pakistan
- Fr Giovanni Cefai u Fr Victor Zammit fil-Peru
- Sr Doris Spiteri fit-Tuneżija
- Sr Maria Grazzia Farrugia fiż-Żimbabwe

**Donazzjoni ta' €500 ġiet mogħtija lil:**
- Sr Sandra Cassar, fil-Kenja

**Donazzjonijiet ta' €2,000 ġew mogħtija lil 80 missjunarju:**
- Ms Josephine Buhagiar fl-Afrika ta' Isfel
- Mr Carmel Camilleri, Fr Ivan Attard u Fr Geoffrey Bugeja fl-Albanija
- Sr Mary Zarb fl-Alġerija,
- Fr Albert Brincat u Fr George Keers fil-Bolivja
- Sr Teodoreta Aqulina, Sr. Maria Micallef, Fr Costantino Borg, Fr Paul Mercieca, Fr Joseph Sciberras u Fr Carmel Borg fil-Brażil
- Fr Tony Calleja fiċ-Ċili
- Sr Marie Bernardette Aquilina, Sr Grazia Schembri, Fr Anthony Fenech u Sr Helen Jones fl-Egittu
- Sr Victoria Vassallo, Sr Lutgarda Camilleri u Sr Carmen Sammut fl-Etjopja
- Sr Doreen Mifsud, Fr Joseph A. Cremona u Sr Anne Catania fil-Filippini
- Fr Joseph Camilleri fil-Gwatemala
- Fr Angelo Falzon fil-Ħonduras
- Sr Rita Theuma, Sr Serafina Grima, Sr Gaetana Bonello, Bro Carmel Muscat, Fr Anthony Scerri, Fr Joseph Cilia, Fr Emidio Saliba, Fr Louis Zammit u Fr Anthony Gatt fl-Indja
- Sr Maria Grech, Sr Carmen Farrugia, Sr Anne Savona, Sr Rose Theresa Sant, Sr. Mary Borg, Sr Luigina Muscat u Sr Emmanuela Micallef fl-Iżrael
- Sr Sandra Cassar, Mr Mario Bezzina, Mr Oliver Aquilina, Fr George Bezzina, Sr Josepha Gauci u Mr Damian John Formosa fil-Kenja
- Mr Hector Pickard, Ms Maris Camilleri, Fr. Victor Livori, Fr Emanuel Parnis, Fr Marcell Portelli u Fr Alexander Busuttil fil-Peru
- Sr Maria Carmela Grech fil-Kamerun
- Sr Graziella Camilleri fil-Kongo
- Sr Natalie Abela, Ms Miriam Bugeja, Sr Josephine Borg, Sr Dolores Gauci, Sr Celeste Buhagiar, Sr Mary Anne Mallia, Sr Anna Maria Sammut, Sr Rachele Agius u Sr Giustina Aquilina fil-Pakistan
- Sr Maria Eufemia Buhagiar fil-Paragwaj
- Mr Rainer Bezzina fil-Polonja
- Sr Josette Spiteri Cremona fis-Sudan t' Isfel
- Sr Vincenza Vella u Sr Concetta Dimech fit-Tuneżija

**Donazzjoni ta' €3000 ġiet mogħtija lil:**
- Isqof Mons Joseph Spiteri fi Sri Lanka



# Għotjiet lill-missjunarji

"Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ." (2 Kor 9,7)

| Sena | Euro | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1990 | 18,285.55 | 1997 | 78,576.33 | 2004 | 164,341.87 | 2011 | 381,300.00 |
| 1984 | 1,863.50 | 1991 | 44,840.37 | 1998 | 73,449.99 | 2005 | 150,500.49 | 2012 | 307,800.00 |
| 1985 | 5,078.03 | 1992 | 35,522.89 | 1999 | 100,004.22 | 2006 | 157,989.97 | 2013 | €649,670.00 |
| 1986 | 8,735.14 | 1993 | 73,608.09 | 2000 | 104,677.71 | 2007 | 166,773.97 | | |
| 1987 | 13,976.22 | 1994 | 99,422.17 | 2001 | 134,176.76 | 2008 | 218,654.00 | | |
| 1988 | 10,482.17 | 1995 | 63,475.33 | 2002 | 178,758.69 | 2009 | 223,984.00 | TOTAL | |
| 1989 | 32,739.30 | 1996 | 61,611.84 | 2003 | 213,056.05 | 2010 | 289,903.00 | €4,090,668 | |

**Donazzjonijiet ta' €4000 ġew mogħtija lil:**

- Isqof Sylvester Magro OFM fil-Libja,
- Isqof George Frendo OP fl-Albanija,
- Isqof Robert Camilleri u Isqof Joseph Bonello OFM fil-Honduras,
- Isqof Joseph Alessandro OFM Cap u Isqof Paul Darmanin OFM Cap fil-Kenja

**Żewġ boroż ta' studju ġew mogħtija lill-Isqfijiet li jammontaw għal €1200 kull waħda:**

Isqof Emanuel Barbara OFM Cap fil-Kenja
Isqof Robert Camilleri OFM u Isqof Joe Bonello OFM fil-Honduras

**Ċelebrazzjonijiet tal-quddies b'suffraġju għall-erwieħ tal-benefatturi u qrabathom:**

€500 (100 quddiesa) lil 32 missjunarju li b'kollox kienu jammontaw għal €14,500

It-total ta' donazzjonijiet mill-1984 sa' l-2013 laħaq is-somma ta' € 4,089,738.

**Dawn id-donazzjonijiet ġew użati għal skopijiet diversi skont il-ħtieġa partikulari ta' dak jew dik il-missjunarju bħalma huma:**

- Għax-xiri ta' mediċini u affarijiet baziċi
- Għax-xogħol pastorali
- Għat-tmexxija ta' skola Kattolika
- Għax-xogħol ta' formazzjoni lin-novizzi
- Għat-tagħlim tal-katekiżmu
- Għax xogħol ta' manutenzjoni ta' knisja
- Għall-bini ta' ċentru parrokkjali
- Għall-bini ta' kappella
- Għall-istampar tal-Bibbja u kotba oħra reliġjużi
- Għat-tmexxija ta' orfanatrofju għat-tfal u ż-żgħażagħ
- Għat-tmexxija ta' kliniċi tas-saħħa u ta' sptar
- Biex isiru interventi mediċi lil persuni bi bżonnijiet speċjali
- Biex tingħata kura medika lil pazjenti morda bl-AIDS
- Biex tingħata assistenza medika lil familji foqra fiċ-ċentri tal-kommunita'
- Għall-attrezzar ta' klinika mobbili għall-foqra li jiġġerrew fit-toroq
- Għall-bini ta' ċentru għall-iżvilupp soċjali
- Għat-tmexxija ta' skola tat-tfal bid-Downs Syndrome
- Għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ u t-tfal ġejjin minn familji foqra
- Għall-programmi ta' formazzjoni u edukattivi lil dawk fil-bżonn
- Biex tingħata għajnuna soċjali, edukattiva, spiritwali u emozjonali lill-istudenti foqra u lill-familji tagħhom
- Biex jitħallsu l-miżati tal-iskola għat-tfal foqra
- Biex jinxtraw pitazzi, kotba, materjal edukattiv u uniformijiet tal-iskola
- Biex jingħataw opportunitajiet edukattivi, vokazzjonali, kulturali u rikreattivi lill-familji foqra
- Għat-tħaffir ta' boreholes ta' l-ilma
- Għall-għajnuna lill-emigranti Afrikani li tilfu xogħolhom fil-konflitti fil-pajjiż
- Għat-tmexxija ta' ċentru għall-anzjani.

# ĦARSA 'L QUDDIEM
# Proġett Tanżanija 2015

**Il-Mission Fund laqgħet it-talba ta' Sr Maria Borda MMM għall-proġett fis-sena 2015. Proġett fl-isptar Makiungu li jinsab f'Singida, reġjun semi-desert fil-qalba tat-Tanżanija. Sr Maria Borda, tabiba u ġinekologa, tmexxi sptar li għandhom aċċess għalih 400,000 persuna. Sr Maria hi l-unika missjunarja Maltija fit-Tanżanija. Tagħmel parti mill-kongregazzjoni Medical Missionaries of Mary, missjunarji speċjalizzati fil-qasam tal-mediċina. Ilha aktar minn 30 sena toffri għajnuna, u din toffriha verament mill-qalb.**








Il-Mission Fund bil-għajnuna tagħkom diġà wettqet diversi proġetti fl-isptar Makiungu:

**2010**

i. Binja biex tilqa' aktar ħaddiema f'dan l-isptar. Fir-reġjun m'hemmx akkomodazzjoni għax għad m'hemmx toroq u servizzi tad-dawl u l-ilma.
ii. Klinika għal dentista, kompluta bl-apparat meħtieġ.

**2011**

i. Blokk ġdid tal-maternità biex in-nisa tqal ma jibqgħux aktar tnejn jew anke tlieta f'kull sodda.
ii. Bis-saħħa tal-kumpanija Tektraco inbena mpjant li jipproduċi l-ossiġnu għall-pazjenti tal-isptar. B'hekk spiċċa l-użu ta' ċilindru li jissellef minn pazjent għall-ieħor.
iii. Bil-għajnuna tal-istudenti tal-MCAST inbniet playing field żgħira għat-tfal pazjenti tal-isptar.

**2012**

Inbena impjant Bio-gas. Dan jibdel l-iskart tal-isptar f'gass li jintuża minflok ħatab biex jissajjar l-ikel.

**2013**

i. Donazzjoni ta' €50,000 biex jinxtraw mediċini għal pazjenti fosthom dawk lebbrużi
ii. Għotja ta' €6,000 biex l-ilma tax-xita tal-bjut jinħażen f'ġiebja

**Proġett 2015**

Binja oħra biex l-isptar Makiungu jkompli jżid l-għajnuna li joffri lil min tant għandu bżonn. Minn issa nirringrazzjawkom minn qalbna tal-għajnuna li nafu li ser toffru. Grazzi mill-qalb lill-benefatturi.



## VALUES YOU CAN BANK ON

The values that helped create Malta's first community bank are the values that today help support thousands of customers from all walks of life.

facebook.com/apsbank

2122 6644 | apsbank.com.mt | values you can bank on | APS

APS Bank Ltd. is licensed by the Malta Financial Services Authority



# **TLIET** snin wara

L-Isqof Mons. Joe Bonello OFM, fil-Ħonduras



**Fit-22 ta' Novembru 2013 - Tlett snin mill-jum tat-tħabbira tal-għażla. (Nomina)**
**Fit-12 ta' Frar 2014 - Tlett snin mill-jum tal-Konsagrazzjoni Episkopali.**
**Fil-11 ta' Frar 2004 - Sentejn mill-jum tas-suċċessjoni.**

"Xi drabi Alla ma jagħżilx lill-imħarġa imma iħarreġ lill-magħżula." Dawn il-kliem sibthom, lissinthom ktibthom tlett snin ilu, imqanqal minn taħlita ta' sentimenti. Fosthom: l-umilta', il-biża', l-ubbidjenza u l-fiduċja. Dawn l-istess kliem nikkonfirmahom illum, tlett snin wara. Din id-darba imqanqal minn taħlita ta' sentimenti ta' radd il-ħajr, kuraġġ, ħidma u fidi.

Iż-żmien itir. Miegħu kollox jibda joqgħod f'postu. Ħafna jistaqsuni: "Kif inti sejjer Olancho" (il-missjoni ta' isqof). Qatt ma nwieġeb li sejjer tajjeb, pero' lanqas li sejjer ħażin. Li inwieġeb hu: "Alli vamos aprendiendo" jiġifieri: "Nitgħallmu ħabib, dejjem nitgħallmu." B'hekk nifhem ngħid li bħalma swewli tnejn u għoxrin sena ta' taħriġ kontinwu biex stajt qdejt mhux ħażin il-missjoni ta' kappillan f'parroċċa relativament żgħira, issa neħtieġ id-doppju biex nagħmel dan bħala isqof fi djoċesi enormi. Barra minn hekk, għal drabi li niżloq fin-niexef, forsi jkun jistħoqqli il-mogħdrija ta' xi ħadd li jgħid: "Ħallih miskin, dak għadu jitgħallem." Naħseb li kieku mhux hekk, wisq probabbli li tiġġennen.

F'Jannar 2011, ġarrejt minn La Libertad (il-parroċċa) għal Olancho (id-djoċesi l-ġdida), f'dar żgħira biswit il-Katidral. Id-dar tal-isqof huwa kunvent żgħir mibni madwar 70 sena ilu, għal tlett patrijiet. Mingħajr ma sar l-ebda tibdil jew żieda fil-bini, it-tlett isqfijiet ta' qabli għexu mal-patrijiet, sakemm dawn ħallew id-djoċesi fis-snin sebgħin. Invażat mill-ħamiem u nies deħlin u ħerġin. Konna b'kollox erbgħa. L-isqof Mons. Mauro Franġiskan Amerikan, Patri Bertu Gauci, Malti bħali u iżjed minni u Patri Nicolas. Dan tal-aħħar kien Ġiżwita xiħ, għaref fl-Iskrittura, espert ma nafx f'kemm il-lingwa. F'żgħożitu ħalla kollox u lil kulħadd u ġie hawn fil-missjoni. Wara 40 sena fil-qalba tal-ġungla, issa kważi trux u għama (għalkemm mhux dejjem) inġabar mal-isqof, għax l-Amerika pajjiżu ma ridx imur. Miskin kwiet u ma jagħti fastidju lil ħadd. Kull darba li niltaqgħu, it-tnejn li aħna u fl-istess ħin, konna inpoġġu subgħajna fuq xofftejna b'sinjal tas-skiet. Ma konna ngħidu xejn, imma kemm konna niftehmu! Magħhom inġbart jien, li ma nafx kif u għaliex, issa l-eċċellenza tiegħu, isqof koadjutur (dritt għas-suċċessjoni) u naturalment awżiljarju (qabli, għal xi sitta u għoxrin sena kien Patri Bert). Inħaltu u naqsmu.

Għalija kienet bidla radikali. Filli dak il-ġiri kollu, attivita' u taħbit, u f'daqqa magħluq bejn erba' ħitan, nara kif ser jgħaddi l-ħin. In-nies tarahom biss mit-tieqa. Ma naf lil ħadd u ħadd ma jafni. Talb, qari u nistenna bil-ħniena li x-xemx tbatti, ħalli noħroġ nimxi. L-ambjent tal-belt hu differenti minn dak li kont għext fih qabel. Irranġajt ma Patri Bert biex nibda nakkumpanjah fiż-żjajjar fl-Aldeas (irħula tal-parroċċa). Almenu noqgħod inqarar. Hekk tiltaqa' man-nies. Biex tagħqad kien żmien ikrah ħafna. Infern. Joqtlu kuljum. Sparar qisu musketterija tal-festa. Ġew mumenti fejn għidt bejni u bejn ruħi: "Ara fejn ġabuni ukoll"

L-ikrah bħas-sabiħ jgħaddi wkoll, jew aħjar jindara. Ħadt deċizjoni. Jien ma ġejtx biex ningħalaq fil-kamra. Qatt ma kien l-istil tiegħi. Qatt ma xtaqtu jew ħlomtu. Għalhekk bdejt inżur il-parroċċi, bil-ħsieb li napprofitta miż-żmien ta' qabel ma' jafdawli t-tmexxija tad-djoċesi għaliex l-isqof anzjan u marid ħafna kien għadu hemm. Nara, naprezza, u naħseb x'wieħed jista' jagħmel, meta jasal il-waqt. Żort il-komunitajiet tar-reliġjużi nisa, is-sorijiet, is-seminaristi u l-proġetti kbar u żgħar li għandha d-djoċesi.

F'Awwissu ħadt sehem fil-kors li jagħmlu lill-isqfijiet ġodda f'Ruma. L-isqof awżiljarju Malti Mons. Charles Scicluna, kien wieħed mill-aħjar kelliema. Esperjenza sabiħa. Ġimgħa wara, ġewwa Assisi, iltqajna madwar 120 isqof Frangiskan.

F'Novembru ġejt mistieden fi Brooklyn mill-Franġiskani biex namministra is-sagrament tal-Konfermazzjoni. Ħadt l-okkażjoni biex inżur id-djoċesi ta' Fort Worth f'Texas, biex niltaqa' u nsir naf lill-isqof, lis-saċerdoti u lajċi. Sa' minn meta tħarbatna mil-Uragan Mitch, bejn iż-żewġ djoċesijiet teżisti rabta ta' aħwa u kooperazzjoni anke f'dak li hu spiritwali u soċjali. Kienu huma li għenuna ħafna għaliex il-ħsara tal-urugan ma tiddeskrivihiex.

Fi Frar ta' sena wara jiġifieri fil-festa tal-Gandlora (2012) ġiet ippublikata l-aċċettazzjoni tar-riżenja tal-isqof Mauro, u għoxrin ġurnata wara ħalla id-djoċesi. Illum jgħix f'kunvent f'Boston. Kien ilu isqof f'Olancho 28 sena. Storja twila ta' preżenza, xiehda, dedikazzjoni u ħidma.

Billi lili tawni d-dritt għas-suċċessjoni, ippreferejt li din issir mingħajr ħafna storbju. U hekk kien. Inkomplu! X'nagħmlu għandna ħafna, li ma għandniex żmien x'nitilfu.

Tlett affarijiet. Tlett prijoritajiet. Waħda: dar tal-isqof sura ta' nies. Tnejn: pastorali vokazzjonali u attenzjoni lis-seminaristi. Tlieta: żjajjar fil-parroċċi, attenzjoni u ħin għas-saċerdoti. U hekk kien.

Irranġajna dar li kienet għall-użu tal-parroċċa. Kienet mixtrija fis-sena 1970 bil-għan li xi darba tkun il-Kurja tal-Isqof. Ma saritx. L-isqof kellu jaħrab. Kien żmien ikrah tassew. Kellhom jgħaddu 40 sena. Dar spazzjuza u fuq kollox ftit imbegħda mill-istorbju taċ-ċentru. Għalija ma tistax tkun aħjar.

Djoċesi immensa. Territorju ta' 86 darba ikbar minn Malta. Hawn iktar minn biżżejjed fejn wieħed jippassiġġa, jiġri u anki jekk ma toqgħodx attent, fejn tintilef. Ħafna nies jiġu minn kull rokna tal-pajjiż. Il-biċċa l-kbira biex jiskansaw il-liġi jew jitbegħdu minn xi periklu. Olancho jilqa' lil kulħadd. Siegħat ta' sewqan. Ma tarax ruħ. Xi kultant tara l-baqar. Bis-saħħa tal-baqar tara xi ruħ. Xmajjar kemm trid. Pontijiet, fis-sajf biss. Meta tibda x-xitwa jew aħjar iż-żmien tax-xita, iżarmawhom. Jekk le, jitilfuhom għax l-ilma iġorr kollox.

Xortija tajba. Ġejt milqgħuh tajjeb. Aktar milli ħsibt. Patri Bert ippreparali t-triq, u milli nara rnexxielu. Grazzja kbira. Kieku x'tagħmel? Is-saċerdoti nofshom djoċesani u nofshom reliġjuzi, kollha Franġiskani. Tlieta u għoxrin b'kollox. Żgħażagħ u ħaddiema. Issir tafhom bil-mod. Tifhimhom… ftit diffiċli. Il-biċċa l-kbira jgħixu weħidhom. Rajt li l-aktar li għandhom bżonn hu li tkun qribhom, taċċettahom, tirrispettahom u tħobbhom. Niltaqgħu darba kull xahrejn. Sa issa dejjem f'ambjent ta' festa. Hekk għandu jkun, almenu nippruvaw.

Is-seminarju hu inter-djoċesan, jigifieri seminarju wieħed li jiġbor u jifforma s-saċerdoti mid-djoċesijiet kollha minbarra dik ta' Comayagua, djoċesi mmexxija mill-isqof Mons. Robert Camilleri OFM. Comayagua għandha seminarju tagħha. Biċċa xogħol oħra. Jien ħdimt għal ftit snin fil-formazzjoni, matul l-ewwel snin tas-saċerdozju f'Malta. Illum differenti. U hawn iżjed. Mentalita', trobbija, kultura eċċ eċċ. Minn ħafna forsi jibqgħu ftit, u bil-ftit trid taħdem. Investiment kbir. Il-providenza trid tkun, u din sa issa qatt ma naqset! Jien u erba' saċerdoti oħra li inċekċku xi ħaġa bl-ingliż, kull sena mmorru nżuru diversi parroċċi fl-Amerika biex indabbru xi ħaġa (Mission Appeals) Benefatturi anke minn Malta. Kull qatra tgħin. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-benefatturi Maltin u Għawdxin li jgħinu l-Mission Fund, u permezz tagħhom jgħinu ukoll lilna l-missjunarji.

Sibt ħafna affarijiet tajbin. Nippruvaw intejbuhom. Proġetti fil-qasam tas-saħħa, edukazzjoni u formazzjoni. Nemmen li t-tajjeb trid tapprezzah u ssaħħu. Fosthom sptar enormi, skejjel, fran, orfanatrofji, ground li se jkun jesa' 20,000 persuna u opri soċjali oħra.

Xortija tajba. Hawn erġajt saħħaħt il-vokazzjoni tiegħi ta' saċerdot u franġiskan. Id-djoċesi twieldet u kibret Franġiskana. L-isqfijiet (jien ir-raba' wieħed, kollha franġiskani). It-tislima ta' "Paz y Bien", jiġifieri Paċi u Ġid tidwi kullimkien. Is-saċerdoti djoċesani kollha trabbew mal-Franġiskani. Erbgħa mit-tnax il-parroċċa huma mmexxija mill-Franġiskani. Il-biċċa l-kbira tas-sorijiet huma Franġiskani. Grazzja kbira li għandna wkoll il-preżenza tas-sorijiet Klarissi (Monasterju tal-klawsura).

Il-ħajja ma hix wisq komplikata. Ukoll bħala isqof. Jien nirraġuna li fil-ħajja hemm affarijiet essenzjali, oħrajn importanti u l-bqija. Fuq ċerti affarijiet mhux il-lant li la tkisser rasek u wisq inqas ras l-oħrajn. Il-Papa Franġisku li hu minn din il-parti tal-globu qed jgħin lid-dinja u lill-Knisja tipprova tifhem dan. Nippruvaw ngħinu. Dejjem. Imma qabel, nifhmu u nagħdru, imbagħad wieħed jagħmel li jista' kif jista' u kemm jista'. Wara kollox hu Alla li jagħmel kollox. Aħna l-bqija. Fejn ma jirnexxilniex… paċenzja. Hawn il-paċenzja hi l-akbar virtu'.

Tlett snin. Żmien biżżejjed biex tara, tisma', tgħix u tifforma ġudizzju. Hu l-Mulej li jaf il-bidu kif ukoll it-tmiem. Aħna niskopru l-bqija. Żgur li qatt ma ser iħallina weħidna. Paċi u ġid.



idħol fis-sit uffiċċjali tagħna
**www.missionfund.org.mt**




# benefattur/sostenitur

## ...inti wkoll tista' tgħin

**€35 fis-sena** biex tipprovdi kotba, pitazzi, uniformi eċċ għal tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€35 fis-sena** biex titma tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€45 fis-sena** biex timpjega katekista għal sena.

**€55 fis-sena** biex tipprovdi edukazzjoni bħala boarder lil tifel/tifla fil-missjoni għal sena.

**€115 fis-sena** biex timmedika pazjent tat-T.B.

**€235 fis-sena** biex titma u tmantni familja sħiħa f'artijiet tal-missjoni għal sena.

**€500 fis-sena** biex jitħaffer bir għall-ilma.

ISEM U KONJOM: ______________________

INDIRIZZ: ______________________

______________________

______________________

KODIĊI POSTALI: __________ TEL: __________ MOBILE: __________

EMAIL: ______________________

**Jien, hawn taħt iffirmat/a, inwiegħed is-somma indikata minni hawn fuq kull sena, u jekk għal xi sena partikolari ninsa nħallas, nitlob lill-Mission Fund biex tfakkarni billi tibgħatli nota.**

FIRMA __________ DATA __________

NOTA: Jekk xi ħadd, pereżempju, jixtieq jagħti donazzjoni ta' €100 fis-sena jista' jimmarka ż-żewġ kaxxi tal-€45 u tal-55.

REG. No: vo/0015


Always there to
brighten your day
GasanMamo
INSURANCE
We're always there
www.gasanmamo.com
Msida Road, Gzira GZR 1405, Malta | Tel: 21 345 123 | Fax: 21 345 377 | insurance@gasanmamo.com
GasanMamo Insurance is authorised by the MFSA


MAGRI
AUTOCARE
Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com
• Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
• Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
• Car wash (by hand) and interior vacuum
• Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components
WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS
& EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.
Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 | Email: magridrs@vol.net.mt

# IL-KNISJA MISSJUNARJA madwar id-Dinja

**Din l-informazzjoni turi n-numri tal-membri fi ħdan il-Knisja, il-kura u s-saħħa, t-tmexxija u l-edukazzjoni. Jista' jkun hemm xi varjazzjonijiet, żjieda jew tnaqqis, meta mqabbla mal-figuri tas-sena ta' qabel. Dawn huma murija bis-sinjal '+' għaż-żjieda u bis-sinjal '-' għat-tnaqqis.**

## Il-Popolazzjoni fid-Dinja

Sa tmiem is-sena li għaddiet, il-popolazzjoni fid-dinja kienet 6,933,310,000 biż-żjieda ta' 84,760,000 ruħ, meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Kien hemm tkabbir fil-popolazzjoni f'kull kontinent, l-iżjed fl-Asja (+ 46,690,000) u fl-Afrika (+ 11,311,000); fl-Ewropa (+ 2,332,000) u fl-Oċeanja (+ 495,000).

## Kattoliċi

Fl-istess żmien in-numru ta' Kattoliċi kien, 1,213,591,000 ruħ, biż-żjieda ta' 17,920,000 fuq is-sena ta' qabel. Din iż-żjieda nħasset fil-kontinenti kollha l-aktar fl-Afrika (+ 8,047,000); fl-Amerika (+ 6,312,000) u fl-Asja (+ 2,577,000); wara tiġi l-Ewropa (+ 822,000) u l-Oċeanja (+ 162,000).

Iż-żjieda ta' Kattoliċi kienet ta' 0.04% biex tilħaq is-17.50%. Jekk nieħdu l-kontinenti, ż-żjieda registrata fl-Afrika bi (+0.35); l-Asja (+0.03) u l-Ocenja (+0.1) waqt li tnaqqis deher fl-Amerika (-0.09) u fl-Ewropa (-0.02).

## Persuni u Kattoliċi għal kull Saċerdot

Din is-sena n-numru ta' persuni għal kull saċerdot fid-dinja żdied b'117 persuna bejn wieħed u ieħor 13,394. Fil-kontinenti jinqasmu hekk: żdiedu fl-Amerika (+67); fl-Ewropa (+39) u fl-Oċeanja (+120) u naqsu fl-Afrika (-448) u fl-Asja (-776).

In-numru ta' Kattoliċi għal kull saċerdot fid-dinja tela' b'36, bejn wieħed u ieħor 2,936. Kien hemm żjieda f'kull kontinent minbarra fl-Asja. Fl-Afrika (+13), fl-Amerika (+36), fl-Asja (-15), fl-Ewropa (+23) u fl-Oċeanja (+39).

## Isqfijiet

L-għadd ta' Isqfijiet fid-dinja żdied bi 29 biex tela' għal 5,132. Isqfijiet Djoċesani żdiedu fin-numru, waqt li l-Isqfijiet Reliġjużi naqsu. Isqfijiet Djoċesani hemm 3,906 (35 iżjed mis-sena ta' qabel). Isqfijiet Reliġjużi hemm 1,226 (7 inqas).

## Saċerdoti

In-numru ta' Saċerdoti fid-dinja żdied b'1,182 biex issa laħaq l-413,418. L-uniċi kontinenti li wrew nuqqas huma l-Ewropa (-2,286) u l-Oċeanja (-11), waqt li kien hemm żjieda fl-Afrika (+1,530), fl-Amerika (+407) u fl-Asja (+1,542). Is-saċerdoti djoċesani żdiedu b'1,337 biex issa b'kollox saru 278,346, biż-żidiet li kien hemm fl-Afrika (+1,152), fl-Amerika (+564) u fl-Asja (+817), imma naqsu fl-Ewropa (-1,152) u fl-Oċeanja (-34). In-numru ta' saċerdoti reliġjużi naqas b'155 biex issa saru 135,072. Żidiet kienu reġistrati bħal




Fr Anton Grech, missjunarju Għawdxi fil-Gwatemala

f'dawn l-aħħar snin fl-Afrika (+378); l-Asja (+725) u fl-Oċeanja (+23). Iżda kien hemm nuqqas fl-Amerika (-157) u fl-Ewropa (-1,124).

## Djakni Permanenti

Djakni Permanenti fid-dinja żdiedu b'1,350 biex issa saru 40,714. L-akbar żjieda kienet għal darb'oħra reġistrata fl-Amerika (+879) u fl-Ewropa (+368), wara tiġi l-Asja (+43), l-Oċeanja (+40) u fl-Afrika (+20). Djakni Dioċesani permanenti fid-dinja hemm 40,270, b'żjieda ta' 1,226. Dawn żdiedu f'kull kontinent. L-Afrika (+11), Amerika (+896), Asja (+14), Ewropa (+330) u fl-Oċeanja (+15). Djakni Reliġjużi permanenti hemm 644 u żdiedu b'84 meta mqabbla mas-sena ta' qabel b'żidiet fl-Afrika (+9), fl-Asja (+29), fl-Ewropa (+38) u fl-Oċeanja (+25) u nuqqas fl-Amerika (-17).

## Reliġjużi: Nisa u Rġiel

In-numru ta' saċerdoti mhux reliġjużi żdied b'420 biex laħqu 55,085. Kien hemm żjieda fl-Afrika (+28) u fl-Asja (+1,089). Nuqqas kien reġistrat fl-Amerika (-398); fl-Ewropa (-232) u fl-Oċeanja (-67). Nuqqas in ġenerali fin-numru ta' nisa reliġjużi (-8,729) biex illum hemm 713,206. Kien reġistrat hekk f'kull kontinent: żjieda fl-Afrika (+1,488) u fl-Asja (+2,115); nuqqas fl-Amerika (-4,515), fl-Ewropa (-7,459) u fl-Oċeanja (-358).

## Membri ta' Għaqdien Sekulari Rġiel u Nisa (Istituzzjonijiet)

Membri ta' istituzzjonijiet sekulari rġiel u nisa huma 713, li naqsu b'kollox 34. Fil-Kontinenti kien hemm żjieda biss fl-Asja (+10) imma nuqqas fl-Afrika (-9), fl-Amerika (-18), fl-Ewropa (-7). U fl-Oċeanja baqgħu kif kienu.

Il-membri ta' istituzzjonijiet sekulara nisa naqsu wkoll din is-sena b'1,489 biex issa huma 24,564. Iż-żjieda waħdanija kienet fl-Afrika (+32). Nuqqas fl-Amerika (-32); fl-Asja (-116), fl-Ewropa (-1,371) u fl-Oċeanja (-2).

## Missjunarji Voluntiera u Katekisti

In-numru ta' missjunarji voluntiera fid-dinja huwa 381,772, biż-żjieda b'kollox ta' 46,220. Membri żdiedu fl-Afrika (+1,401), fl-Amerika (+35,479), fl-Asja (+9,294) u fl-Ewropa (+51). Nuqqas biss kien hemm fl-Oċeanja (-5).

## Seminaristi Maġġuri

In-numru ta' Seminaristi Maġġuri, djoċesani u reliġjużi żdied wkoll din is-sena u huma b'kollox 1,626, l-aktar minn kanditati tas-saċerdoti biex issa saru 120,616. Iż-żidiet kienu bħas-sena ta' qabel fl-Afrika (+559) u fl-Asja (+1,316) u din is-sena wkoll fl-Oċeanja (+15), waqt li din is-sena reġa' kien hemm nuqqas fl-Amerika (-6) u fl-Ewropa (-268). Seminaristi Minuri Djoċesani kien hemm 72,277 (+303 aktar mis-sena ta' qabel) u Seminaristi Maġġuri Reliġjużi kien hemm 48,339 (+1,323). Seminaristi Dioċesani żdiedu fl-Afrika (+289), fl-Asja (+295) u fl-Oċeanja (+34). Kien hemm nuqqas fl-Ewropa (-241) u fl-Amerika (-74). Seminaristi Reliġjużi żdiedu fl-Afrika (+270) u fl-Amerika (+68) u fl-Asja (+1,031) waqt li naqsu fl-Ewropa (-27) u fl-Oċeanja (-19).

## Seminaristi Minuri

In-numru ta' Seminaristi Minuri, dioċesani u reliġjużi, żdied b'222 persuna bex saru 102,530. B'kollox iż-żjieda kienet hekk: fl-Afrika (+1,106) u fl-Oċeanja (+4). Naqsu fl-Amerika (-124); fl-Asja (-246) u fl-Ewropa (-518). In-numru ta' Seminaristi Minuri dioċesani huwa 79,350 (+1,343) iżda is-Seminaristi Minuri Reliġjużi huwa 23,180 (-1,210). In-numru ta' Seminaristi Minuri djoċesani naqas fl-Asja (-41), fl-Ewropa (-161), fl-Oċeanja (-1), imma żdied fl-Afrika (+1,304) u fl-Amerika (+242). Seminaristi Minuri Reliġjużi żdiedu biss fl-Oċeanja (+5) u naqsu fl-Afrika (-198), fl-Amerika (-366), fl-Asja (-205) u fl-Ewropa (-357).

## L-Iskejjel Kattoliċi u l-Edukazzjoni

Fil-qasam tal-Edukazzjoni l-Knisja Kattolika tmexxi 71,482 'kindergarten', b'6,720,545 tifel u tifla; 94,411 skola primarja b'31,939,415 student; 43,777 skola sekondarja bi 18,952,976 student. Il-Knisja wkoll tieħu ħsieb 2,494,111 student għal edukazzjoni ogħla u 3,039,684 studenti Universitarji. Meta tqabbel mas-sena ta' qabel kien hemm żjieda fil-kindergartens' (+938) u fihom żjeda ta' (+241,918) student; żjieda fl-iskejjel primarji (+1,564) u fihom żjieda ta' (+788,245) student; żjieda fl-iskejjel sekondarji ta' (+186) b'żjieda fl-istudenti ta' (+1,159,417). Kien hemm żjieda ta' studenti fl-edukazzjoni ogħla (+189,940), imma kien hemm nuqqas fi studenti Universitarji (-298,771).

## Ċentri ta' Karita u Saħħa

Iċ-Ċentri ta' Karita u Saħħa mmexxija mill-Knisja madwar id-dinja huwa 117,119 u jinkludu: 5,435 sptar (+130 iżjed mis-sena ta' qabel), il-biċċa l-Kbira fl-Amerika (10,701) u fl-Afrika (1,284); 17,524 spiżerija (-655) u l-aktar fl-Afrika (5,398); fl-Amerika (5,211) u fl-Asja (3,828); 567 Djar għall-kura ta' nies bil-lebbra (+20) u l-aktar fl-Asja (281) u fl-Afrika (211). Il-Knisja għandha 15,784 (-1,439) Djar ta' l-anzjani jew b'mard fit-tul jew persuni b'disabbilita l-aktar fl-Ewropa (8,271) u fl-Amerika (3,913). Il-Knisja għandha 10,534 orfanatrofji (+652), terz minnhom fl-Asja (3,911); 11,592 djar tat-tfal; 15,008 ċentri għal pariri lill-miżżewġin l-aktar fl-Amerika (6,230) u fl-Ewropa (5,819). Il-Knisja għandha wkoll 40,671 ċentru għal reabilitazzjoni soċjali u 4 ċentri oħra ta' istituzzjonijiet.


KEYANG
No nonsense - Just quality
AFFORDABLE
PROFESSIONAL TOOLS
2 YEAR WARRANTY
Cordless Tools powered by
LITHIUM
Long Life ION
afs®
Opening Hours:
Mon-Fri: 8.00am - 5.00pm
Sat: 8.00am - 12.00 noon
Mdina Road, Attard - Tel: 2141 7771
Email: sales@afs.com.mt


Dettol
Because health
is priceless.
Be
100%
sure.
Dettol
750mL
ANTISEPTIC
DISINFECTANT
Use biocides safely. Always read the label and product information before use.
EXCLUSIVELY DISTRIBUTED BY CHARLES DE GIORGIO LTD • T: 25600500

500, EUREKA COURT, BLOCK A/ FLAT 6, MAIN STREET, MOSTA MST 1018
Tel/Fax: 2141 3664 email: missionfund@global.net.mt

# FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAL SĦUBIJA

**(Jekk jogħġbok ikteb b'ittri kbar)**

Jiena nixtieq nissieħeb bħala membru fil-Mission Fund:

**ISEM U KUNJOM:**

**INDIRIZZ :**

**KODIĊI POSTALI:** **TEL:** **MOB:**

**E-MAIL:**

**Jekk tixtieq toffri għajnuna fl-attivitajiet t'hawn taħt, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rispettiva:**

Bazaars ☐ Tea Tombla ☐ Newsletter/Magazine ☐ Għajnuna Amministrattiva ☐ Website ☐

Proġett Tama ☐ Maratona fuq it-Tv ☐ Bolol Użati ☐ Xogħol Manwali ☐ Relazzjonijiet Pubbliċi ☐

Qed nibgħat il-pagament ta' € bħala miżata tas-sħubija (€3.00 kull membru kull sena).
Pagamenti b'ċekk għandhom ikunu pagabbli lill-Mission Fund.

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li lest li nimxi mal-ispirtu u r-regoli tal-Istatut preżenti tal-Mission Fund, kif sussegwement emendat.

FIRMA DATA

Hawn tista' tikteb il-kummenti/suġġerimenti tiegħek u tibgħathom lill-Mission Fund.

**L-informazzjoni kollha li tidher hawn fuq hija protetta mill-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data**

# IŻ-ŻRIERAGĦ u d-Demm tat-Tama

**Il-Papa Pawlu VI sejjaħ lill-Amerika Latina "Il-kontinent tat-tama". Kontinent li minkejja li kien ukoll ifflaġelat mir-riċessjoni, qed joffri sinjali inkoraġġanti. L-Amerika Latina kibret b'rata ta' aktar minn l-erbgħa fil-mija. Miljuni ta' bnedmin ħarġu mill-istat ta' faqar. Iżda dan id-dawl, għalkemm jgħammex il-għajnejn, mhux jirnexxilu jimla' d-dellijiet u jdawwal l-partijiet skuri ta' dan il-kontinent.**

Għadu l-aktar pajjiż vjolenti tal-pjaneta. Għal ħames sena konsekuttiva, l-Amerika Latina għandha rekord tassew drammatiku ta' 15-il saċerdot jew reliġjużi li ġew maqtula fuq l-għant tax-xogħol. Ilkoll ħallsu b'ħajjithom għall-fedeltà tagħhom lejn l-Evanġelju.

Ta' min jgħid li dawn id-delitti twettqu fin-nofsinhar tar-Rio Bravo, iż-żona bl-akbar densità ta' popolazzjoni li tistqarr li hija Kattolika. Dan huwa reġjun fejn ir-reliġjon għandha nfluwenza f'kull aspett tal-ħajja umana u soċjali. Anke l-ikbar ateju u anti-klerikali jħoss sens qawwi tas-sagru.

Il-"fewdali tad-droga", m'għadhomx jikkuntentaw ruħhom billi jissodisfaw il-pajjiżi żviluppati billi jaqtagħlhom il-għatx għal konsum tad-droga. Biex isaħħu l-poter, jespandu u jkabbru n-negozju, ħolqu gwerra lill-istrutturi soċjali tas-soċjeta'. Qed jagħmlu gwerra lill-komunitajiet, lill-familji u għaqdiet li jaħdmu b'risq is-soċjeta'.

It-traffikanti huma favur l-ideoloġija tal-flus fi kwalunkwe spiża biex ikabbru n-negozji tagħhom. Il-kristjaneżmu huwa xkiel għalihom. Biex wieħed jagħti eżempju ċar, fil-25 ta' Diċembru, f'Tempiku, il-Messiku, wara ċ-ċelebrazzjonijiet tradiżjonali tax-xena tal-presepju ħaj fit-toroq taċ-ċentru, ħarġu tlett traffikanti tad-droga b'eluf ta' pakketti tad-droga għat-tfal. "Aħna l-veri Maġi" bdew ikantaw.



Il-Knisja madankollu, mhijiex lesta li ċċedi quddiem din il-kriminalità. Għalhekk li ħafna ħajjiet ta' reliġjużi. isqfijiet, saċerdoti, djakni u katekisti ġew mfarrka u mkissra. Huma sfidaw il-forza brutali tal-armi kalashnikov, filwaqt li huma armati bil-qawwa tal-Evanġelju li jimliehom b'kuraġġ biex jibnu djar għall-imigranti biex ikollhom saqaf fuq rashom, djar għall-vittmi, u waqqfu diversi gruppi u movimenti biex jirraportaw persuni li jkunu għebu minn wiċċ id-dinja.

**"Bħala Nisrani ma nemminx fil-mewt, iżda fil-qawmien: jekk dawn joqtluni, nerġa' nitwieled, inqum, fil-poplu tiegħi."**

Mons Óscar Romero, Arċisqof ta' San Salvador, li ġie maqtul fl-24 Marzu fl-1980

### Min huma dawk l-eroj tal-fidi?

Meta wieħed jaqra l-lista ta' persuni li ġew maqtula matul is-sena li għaddiet, wieħed faċli jikkonkludi li din hi xi lista li l-iskop tagħha hu biex toħloq dieqa tal-mewt. Iżda fir-realta', mhux għajr xhieda ta' Knisja

| Missjunarju | Nazzjonalità | | Pajjiż maqtul | Data |
|---|---|---|---|---|
| Don José Francisco Vélez Echeverri | Kolumbja | Djoċesan | Buga,Kolumbja | 16 ta' Jannar |
| Don Luis Alfredo Suárez Salazar | Kolumbja | Djoċesan | Ocaña, Kolumbja | 2 ta' Frar |
| Don José Ancizar Mejia Palomino | Kolumbja | Djoċesan | Calda, Kolumbja | 2 ta' Jannar |
| Don José Flores Preciado | Kolumbja | Djoċesan | Colima, Messiku | 5 ta' Frar |
| Don Evarist Mushi | Tanżanija | Djoċesan | Zanżibar, Tanżanija | 17 ta' Frar |
| Don José Ramón Mendoza | Venizwela | Djoċesan | Iribarren, Veniżwela | 17 ta' Frar |
| Dexter Condez | Filippini | Soċ. San Vinċenż | Boracaya, Filippini | 22 ta' Frar |
| Don Michele Di Stefano | Italja | Djoċesan | Trapani, Italja | 25 ta' Frar |
| Sister Marie Emmanuel Helesbeux | Franza | Soċ. Providenza | Mandritsara, Madagascar | 1 ta' Marzu |
| Don Kochupuryil J. Thomas | Indja | Djoċesan | Bangalore, Indja | 31 ta' Marzu |
| Father Richard E. Joyal | Kanada | Soċ. ta' Marija | Port au Prince, Haiti | 24 ta' April |
| Don José Antonio Bayona Valle | Kolumbja | Djoċesan | Juan Mina, Kolumbja | 6 ta' Mejju |
| Fr François Murad | Sirja | Kong. S. Xmun | Fassanieh, Sirja | 23 ta' Mejju |
| Don Néstor Darío Buendía Martínez | Kolumbja | Doċesan | Los Cordobas, Kolumbja | 26 ta' Mejju |
| Fr Elvis Marcelino De Lima | Brażil | Kong. Familja Mqaddsa | Fortaleza, Brażil | 13 ta' Lulju |
| Don Ignacio Cortez Alvarez | Messiku | Djoċesan | Ensenada, Messiku | 27 ta' Lulju |
| Don Luis Bernardo Echeverri | Kolumbja | Djoċesan | Roldanillo, Kolumbja | 28 ta' Settembru |
| Don Héctor Fabio Cabrera | Kolumbja | Djoċesan | Roldanillo, Kolumbja | 28 ta' Settembru |
| Afra Martinelli | Italja | Lajk | Ogwashi-Ukwu, Niġerja | 9 ta' Ottubru |
| Don Anibal Gomez | Spanja | Djoċesan | Colon, Panama | 30 ta' Ottubru |
| Don Hipólito Villalobos Lima | Messiku | Djoċesan | Ixhuatlan, Messiku | 29 ta' Novembru |
| Don Nicolás De la Cruz Martínez | Messiku | Djoċesan | Ixhuatlan, Messiku | 29 ta' Novembru |

ħajja, li madwar id-dinja kollha, hija leħen skomdu tal-Vanġelu. Għalhekk hija l-mira ta' vjolenża u repressjoni.

Dawn it-22 l-Operaturi Pastorali, jiġifieri, saċerdoti, reliġjuzi nisa u rgiel u lajci, li kollha ġew maqtula s-sena li għaddiet, imqabbel ma' 13-il missjunarju li ġew maqtula fis-sena ta' qabel.

**Il-lista**

Fl-2013 ġew maqtula 19-il saċerdot, soru, u żewġ lajċi. Meta wieħed jgħodd l-ammont ta' persuni li nqatlu mill-1980 sal-2012 jilħaq għal 1013 vittma. Din l-istatistika tikkonferma li l-kategorija l-aktar milquta hi dik tas-saċerdoti li mill-1990 sallum jammontaw għal 507 u lkoll vittmi ta' vjolenza.

**Sinjali ta' tama**

Minn din il-vjolenza kollha, minn din il-lista ta' mwiet u qtil, fil-verita' tista' titnissel u twelled xaqq kbir ta' dawl u ta' tama. Dan għaliex fl-2013, ġie mibdi l-proċess ta' beatifikazzjoni ta' 6 sorijiet missjunarji mill-komunita "Sorelle delle Poverelle", sorijiet tal-foqra minn Bergamo li ilkoll mietu fil-Kongo fl-1995 mil-virus ta' l-Ebola. Biex ma jabbandunawx lill-popolazzjoni milquta minn din l-epidemija, u jsibu ruħhom nieqsa mill-għajnuna medika ntlaqtu minn dan il-virus u mietu. Huma ngħataw it-titlu ta' "martri tal-karita".

Ingħalaq ukoll il-proċess tal-beatifikazzjoni ta' Luisa Mistrali Guidotti, membru tal-Assoċjazzjoni Tobba Missjunarji Nisa, li ġiet maqtula fl-1979. Maqtula meta kienet qed takkumpanja mara tqila lejn l-isptar. Fid-2 ta' Diċembru li għadda ġie ukoll rikonoxxut il-martirju tal-missjunarju Patri Mario Vergara missjunarju (Pontificial Institute of Foreign Missions) u tal-katekista lajk Isidoro Ngei Ko Lat, maqtul

**"Fit-triq tan-nisrani dejjem se jkun hemm is-Salib. Illum in-numru tal-martri jiżboq dak tal-ewwel żminijiet tal-Knisja. Il-ħajja nisranija mhix xi vantaġġ kummerċjali, imma hija sempliċiment mixja wara Ġesù. Intom ħallejtu kollox u tirċievu hawn fid-dinja, tant affarijiet... imma bil-persekuzzjoni! Bħall-insalata biż-żejt tal-persekuzzjoni: dejjem!"**

Papa Franġisku, 04.3.14

fil-Myammar fl-1950. Fil-25 t'April 2013 ġie beatifikat is-saċerdot Don Pino Puglisi li nqatel mill-mafja fi Sqallija. Fi kliem l-isqfijiet kollha ta' Sqallija huwa nqatel għat-"tjubija, il-ġentlomerija u l-ħidma missjunarja tiegħu bla waqfien, li ħabtu u kklaxxjaw mal-logika tal-ħajja, fl-oppost u fil-konfront tal-fidi, li hi dik tal-mafia. Għamlet minn kollox biex l-ewwel tintimidah, theddu, ssawtu sa ma qatlitu f'mibegħda kbira lejn il-fidi". Mhux biss fl-imgħoddi imma wkoll fi żmienna għandna bosta martri. l-Papa Franġisku fl-omelija li għamel fil-15 ta' Mejju 2013, qal hekk: "Hawn f'Ruma għandna tant xhieda ta' martri, nibdew minn Pietru. Imma ż-żmien tal-martri ma ntemmx: ukoll illum nistgħu fis-sewwa ngħidu, li l-Knisja għandha iktar martri milli kellha fiż-żmien tal-ewwel sekli." Il-Knisja, infatti, "għandha tant irġiel u nisa li huma kkalunjati, li huma ppersegwitati, li jiġu maqtula b'mibgħeda għal Ġesù, b'mibegħda għall-fidi." Uħud jiġu maqtula għaliex "jgħallmu l-katekiżmu," oħrajn għaliex "iġorru s-salib." Il-kalunja ssib spazju f'bosta pajjiżi, fejn l-insara jinsabu ppersegwitati. "Dawn huma ħutna li llum qegħdin ibatu, f'dan iż-żmien tal-martri. Hemm bżonn li naħsbu dwar dan."



**Illum għandna aktar martri milli fl-ewwel sekli! Imma hemm ukoll il-martirju ta' kuljum, li ma jinkludix il-mewt imma hu wkoll mod ta' kif "titlef ħajtek għal Kristu", billi wieħed jaqdi dmiru b'imħabba, skont il-ħsieb ta' Ġesù, il-ħsieb tal-offerta, tas-sagrifiċċju. Ejjew naħsbu ftit: kemm missirijiet u ommijiet kuljum ipoġġu l-fidi tagħhom fil-prattika billi joffru b'mod konkret il-ħajja tagħhom għall-ġid tal-familja! Ejjew naħsbu f'dawn! Kemm saċerdoti, patrijiet u sorijiet joffru b'ġenerosità is-servizz tagħhom għas-saltna ta' Alla! Kemm żgħażagħ iwarrbu l-interessi tagħhom biex jiddedikaw ħidmiethom għat-tfal, għall-persuni b'diżabilità, għall-anzjani... Dawn ukoll huma martri! Martri ta' kuljum, martri tal-ħajja ta' kuljum.**

Papa Franġisku, 23.06.13


SAVOUR THE TASTE OF
HANDCRAFTED
COFFEE
VISIT US AT MALTA INTERNATIONAL AIRPORT,
BALZAN AND THE POINT, SLIEMA
COSTA
FOR COFFEE LOVERS
fb.com/CostaCoffeeMalta
COSTA COFFEE


DOLCERIA
Bontà
A GUARANTEE OF SATISFACTION
... Catering With Elegance
We provide a professional
and innovative wedding
catering service aimed
at meeting each client's
individual needs.
Dolceria Bonta'
Xghajra Rd,
Zabbar
Tel: 21677949
info@dolceriabonta.com


Talaham.com
Butcher Shop
1.St Valentine street
Balzan
Opening Hours
Monday Closed
Tue 6:30-12:30
Wed to Fri 6:30 -13:00
15:30 -18:00
Sat 6:30 -12:30
Free Delivery
Talaham.com
Butcher Shop
2149 1337
7949 2821


www.falzons.com
A: Psaila Street, Santa Venera | T: 21 482 860 / 21 485 536
Falzon's Bathrooms & Ceramics
...a tradition of quality and service.

ppl polidano press ltd

for a quotation kindly call us on
**tel: 2122 7888**
or e-mail: info@pplmalta.com




**small & large quantities**

from a **business card**
to a **large format poster**



**www.pplmalta.com**

# Lotterija Grandjuża

## Din is-sena ser titla' nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru 2014

fl-uffiċċju tagħna f' 500, Eureka Court, Blk A/Flt 6, Triq il-Kbira, Mosta fl-10.00 am.

**L-EWWEL PREMJU:**
Telefunken TV - LED 32"

**IT-TIENI PREMJU:**
Weekend Break (BB) għal 2 persuni fl-Preluna Hotel and Spa

**IT-TIELET PREMJU:**
10" Android Tablet

**IR-RABA' PREMJU:**
Week End Break Half Board għal 2 persuni fl-Imperial Hotel, Sliema

**IL-ĦAMES PREMJU:**
€100 One4All Gift Voucher

**IS-SITT PREMJU:**
Bread Making Machine

**IS-SEBA' PREMJU:**
Spanish Guitar

**IT-TMIN PREMJU:**
Buffet Sunday Lunch għal 2 persuni f' The Tabloid Restaurant Victoria Hotel

Kull biljett jinbiegħ €0.25 biss. Ibagħtu l-mamma tal-biljetti u l-flus sa mhux aktar tard mit-**25 ta' Settembru, 2014.** (Direttur tal-Lottu Pubbliku numru 5/13)

# Attivitajiet Reliġjużi
## matul is-sena 2014

**Kull l-ewwel Tlieta**

Quddiesa fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun

Seminar ta' Weekend għall-Voluntieri tal-Mission Fund

Esperjenza Missjunarja fl-Indja

**Niftakru fil-Missjunarji, benefatturi u qraba ħajjin u mejtin. Matul is-sena kollha, il-Mission Fund joffri kull xahar, talb u quddiesa għal dan il-għan. Il-quddies isir fil-knisja ta' San Franġisk, il-Ħamrun f'dawn il-ġranet u fil-ħinijiet indikati:** 5 ta' Ġunju (18.30), 3 ta' Lulju (18.30), 7 ta' Awwissu (18.30), 4 ta' Settembru (18.30), 2 ta' Ottubru (18.30), 6 ta' Novembru (18.00) u 4 ta' Diċembru (18.00).

### Tqassim tal-Pubblikazzjonijiet

Min jixtieq jgħin fit-tqassim tal-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Mission Fund jista' jċempel l-uffiċċju tagħna fuq 2141 3664



# GARAGE SALE

'ST. JOSEPH' GARAXX,
TRIQ IL-GUMMAR, B'KARA

(Bieb ma' bieb mal-forn)

Kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa
u l-Ħamis bejn 09.15 am u s-1.00 pm.
Il-Ġimgħa mill-4:15pm sas-7:00pm

Issibu diversi oġġetti
bi prezzijiet
verament irħas

## BOLOL UŻATI

Kull min għandu bolol użati jista' jibagħthom l-uffiċċju biex inbiegħuhom. Il-qligħ kollu jmur b'risq il-missjunarji. Nixtiequ nfakkrukom li m'għadniex naċċettaw aktar telecards.

**MISSION FUND**
**500, Eureka Court, Blk A,**
**Flat 6, Triq il-Kbira**
**Mosta MST 1018**

## BORŻA TA' STUDJU




Tista' toffri waħdek jew flimkien ma' oħrajn l-ammont ta' €600, li titħallas f'darba jew f'perjodu ta' sena għall-kandidati li qed jitħejjew għas-saċerdożju fl-artijiet tal-missjoni.

## Wieħed jista' jiddepożita d-donazzjoni tiegħu lill-Mission Fund

| | | | |
|---|---|---|---|
| **BOV plc:** | **163 007 980 19** | **BANIF:** | **879 6310 001** |
| **HSBC plc:** | **6 1197 448 050** | **APS:** | **200 008 207 62** |
| **Lombard:** | **014 408 221 15** | | |

**Internet Banking mal-BOV jew HSBC**



"Jekk trid tibgħat rigal lil Alla, ibgħatu mal-proxxmu"



MISSION FUND